EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

enterprise europe network

Business Support on Your Doorstep

# Is-Sigurtà kimika fin-negozju tiegħek

Introduzzjoni għal SMEs



**Ċaħda ta' Responsabbiltà/Avviż Legali**
Dan id-dokument jinkludi informazzjoni prattika li tispjega r-rwoli u r-rekwiżiti tal-kumpanija taħt REACH, CLP u l-BPR Madankollu, l-utenti huma mfakkra li t-testi ta' REACH, CLP u l-BPR huma l-uniċi referenza legali awtentika u li l-informazzjoni f'dan id-dokument ma tikkostitwixxix parir legali. L-użu tal-informazzjoni jibqa' taħt ir-responsabbiltà unika tal-utent. L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ma taċċetta ebda responsabbiltà fir-rigward tal-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

**Is-Sigurtà kimika fin-negozju tiegħek**
**Introduzzjoni għal SMEs**

Din il-pubblikazzjoni tibni fuq il-Gwida għal Konsulenti ta' SMEs prodotta għan-Netwerk Ewropew tal-Impriżi mill-ECHA u mill-EASME


| | |
|---|---|
| **Referenza:** | ECHA-15-B-02-EN |
| **Numru CAS:** | ED-04-15-425-MT-N |
| **ISBN:** | 978-92-9247-445-4 |
| **DOI:** | 10.2823/928824 |
| **Lingwa:** | Malti |


© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2015

Jekk għandek xi mistoqsija jew kumment fir-rigward ta' dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola biex titlob l-informazzjoni. Din il-formola jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna ta' 'Kuntatt tal-ECHA' f': http://echa.europa.eu/contact

**L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**
Indirizz postali: Kaxxa Postali 400, FI-00121 Ħelsinki, il-Finlandja
Indirizz temporanju: Annankatu 18, Ħelsinki, Finlandja

# Werrej


Kont taf? 5

1. Ir-regoli għall-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sustanzi kimiċi fl-UE 6

1.1 LIEMA SUSTANZI KIMIĊI HUMA KOPERTI? 8

1.2 Min GĦANDU JIKKONFORMA? 10

1.3 IR-REGOLAMENT REACH - KIF JAĦDEM? 12

1.4 IR-REGOLAMENT CLP - KIF JAĦDEM? 21

1.5 IR-REGOLAMENT DWAR IL-PRODOTTI BIJOĊIDALI - KIF JAĦDEM? 26

1.6 X'INHUMA L-ISKADENZI? 28

2. Kif tifhem il-leġiżlazzjoni tas-sustanzi kimiċi tal-UE 31

2.1 SIB LIEMA MIR-REKWIŻITI JAPPLIKAW GĦALIK 31

2.2 KUN AF LI MINTIX WAĦDEK 41

2.3 MEZZI BIEX TNAQQAS L-IŻPEJJEŻ TIEGĦEK 42

2.4 MINN OBBLIGI LEGALI GĦAL OPPORTUNITAJIET KUMMERĊJALI 44

Annessi 46

ANNESS I PITTOGRAMMI CLP ĠODDA LIEMA PITTOGRAMMI FUQ LIEMA PRODOTTI 46

ANNESS II TIPI TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI 48

ANNESS III RIŻORSI UTLI GĦAL SMEs 52

ANNESS IV IKKONTROLLA L-FINANZJAMENT MILL-UE U NAZZJONALI 54

Rikonoxximenti 56

Dwarna 59



# Kont taf?

**Ir-Regolamenti tal-UE għar-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta’ Sustanzi Kimiċi (REACH), għall-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ ta’ sustanzi u taħlitiet (CLP) u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (BPR) għandhom impatt fuq in-negozji tal-biċċa l-kbira tal-kumpaniji fl-UE u fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein u fin-Norveġja, li huma parti miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE).**

Jekk taħseb li dan mhuwiex il-każ tiegħek, mintix waħdek.

Stħarriġ u ispezzjonijiet reċenti fil-pajjiżi kollha tal-UE/taż-ŻEE juru li kważi 70% tal-SMEs barra s-settur kimiku mhumiex konxji li REACH u CLP għandhom impatt dirett fuq in-negozju tagħhom. Kumpaniji iżgħar skont id-dħul tagħhom l-inqas li x’aktarx jemmnu li għandhom jikkonformaw ma’ REACH. Dan iqiegħed riskju fuq it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti kimiċi li ma jikkonformawx u li mhumiex siguri.

Fl-istess ħin, l-istħarriġ ta’ SMEs u ta’ kumpaniji tal-manifattura juru li meta impriżi żgħar ikunu konxji minn dawn ir-regolamenti tal-UE u jkunu jafu kif jaffettwaw in-negozju tagħhom, huma l-iktar attivi f’li jerġgħu jiddiżinjaw il-proċessi ta’ manifattura tagħhom. Kumpaniji ta’ kull daqs huma involuti wkoll fis-sostituzzjoni tal-prodotti kimiċi l-iktar perikolużi b’alternattivi iktar siguri.

Is-sigurtà kimika hija ass kummerċjali.

Li tikkonforma ma' REACH, CLP u l-BPR jista' jgħin lill-klijenti tiegħek jissodisfaw il-ħtiġijiet kummerċjali tagħhom biex:

- Ikunu fis-suq tal-UE b'mod legali;
- Jiżguraw il-fornitura, l-użu u l-ġestjoni siguri tas-sustanzi kimiċi;
- Jagħmlu l-ambjent tax-xogħol tagħhom iktar sigur;
- Inaqsu l-ispejjeż billi jnaqqsu l-impatt fuq is-saħħa fil-post tax-xogħol u fuq l-ambjent;
- Itejbu r-reputazzjoni tagħhom lejn klijenti, konsumaturi, investituri u l-komunità li qegħdin isiru iktar sensittivi għall-kura responsabbli tas-sustanzi kimiċi u għas-sostenibbiltà;
- Isibu swieq ġodda jekk żviluppaw alternattivi iktar siguri minn sustanzi kimiċi perikolużi ħafna, pereżempju, dawk li ser ikollhom jinqatgħu minħabba t-tħassib għoli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent;
- Kun iktar kompetittiv fi swieq internazzjonali.

Is-sigurtà kimika hija ass kummerċjali.

# 1. Ir-regoli għall-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sustanzi kimiċi fl-UE

**Ir-regoli ġenerali għat-tqegħid fis-suq ta' sustanzi kimiċi fl-UE huma stabbiliti f'REACH u f'CLP. Dawn iż-żewġ liġijiet orizzontali ta' sigurtà kimika huma kkumplimentati minn leġiżlazzjoni oħra speċifika għas-settur, bħall-BPR.**

REACH, CLP u l-BPR għandhom l-iskop komuni biex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-amjent billi jagħmlu l-industrija responsabbli mis-sigurtà ta' sustanzi kimiċi mqiegħda fis-suq tal-UE. Ir-regolamenti jwieġbu għal ħtiġiet importanti kummerċjali u tas-soċjetà għall-ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi u għall-użu sigur tagħhom. Japplikaw għaż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jiġifieri t-28 Stat Membru tal-UE u l-Iżlanda,

il-Liechtenstein u n-Norveġja.

SMEs għandhom l-istess responsabbiltajiet bħal kumpaniji kbar u ma jistgħux ikunu eżentati minn kwalunkwe mir-rekwiżiti għal sigurtà kimika.  L-uniċi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-SME huma li jsiru ħlasijiet u pagamenti mnaqqsa.

**REACH**

Reġistrazzjoni, Valutazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni tas-Sustanzi Kimiċi (KE) Nru 1907/2006

REACH huwa r-regolament għar-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (KE) Nru 1907/2006. Huwa l-liġi tal-UE ewlenija dwar is-sustanzi kimiċi, li jkopru fil-prinċipju s-sustanzi kollha weħidhom jew f'taħlitiet jew f'oġġetti għal użu industrijali, professjonali jew tal-konsumatur. Għaldaqstant, REACH għandu impatt fuq il-biċċa l-kbira tas-setturi industrijali u japplika għall-biċċa l-kbira tal-kumpaniji fl-UE.

REACH jistabbilixxi l-istandards dinjija l-iktar ambizzjużi dwar is-sigurtà kimika. Manifatturi u importaturi għandhom juru kif sustanza li huma jqiegħdu fis-suq tista' tintuża b'mod sigur u jikkomunikaw il-miżuri tal-ġestjoni tar-riskji lill-klijenti tagħhom. Il-Komunikazzjoni fil-katina tal-provvista hija meħtieġa mill-atturi kollha sabiex jiġi żgurat l-użu sigur. Jekk ir-riskji ma jistgħux ikunu ġġestiti, l-awtoritajiet jistgħu jirrestrinġu l-użu ta' sustanza jew jagħmluha soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel.

Ir-rekwiżiti REACH għal intendenza kimika qiegħdu pressjoni fuq kumpaniji biex jirrieżaminaw il-portafoll tagħhom ta' sustanzi kimiċi u biex jissostitwixxu dawk l-iktar perikolużi b'alternattivi iktar siguri. Wieħed mill-iskopijiet tar-regolament hu li tiġi stimolata l-innovazzjoni u titejjeb il-kompetittività ta' ditti Ewropej fi swieq internazzjonali.

Informazzjoni ġġenerata għal REACH tista' tintuża minn kumpaniji biex jikkonformaw ma' leġiżlazzjoni oħra.

**CLP**

Il-klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet (KE) Nru 1272/2008

**CLP** huwa r-regolament għall-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet (KE) Nru 1272/2008. Jikkumplimenta r-Regolament REACH u jiżgura li l-perikoli tas-sustanzi kimiċi jkunu kkomunikati b'mod ċar lill-ħaddiema u l-konsumaturi permezz ta' tikketti b'dikjarazzjonijiet u pittogrammi standardizzati.

Qabel ma tqiegħed il-prodotti kimiċi fis-suq tal-UE, l-industrija għandha tikklassifikahom skont il-perikoli identifikati u mbagħad tittikketta u tagħmilhom f'imballaġġ skont is-sistema CLP. Dan jagħmel il-karatteristiċi tal-perikolu tal-prodott iktar faċli biex jinftiehmu fl-UE u fid-dinja kollha u jiffaċilita l-kummerċ globali minħabba li CLP jimplimenta s-Sistema Globalment Armonizzata tan-Nazzjonijiet Uniti (GHS) tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar ta' Sustanzi Kimiċi.

Ir-regolament CLP jissostitwixxi d-Direttiva dwar Sustanzi Perikolużi (67/548/KEE) u d-Direttiva dwar Preparati Perikolużi (1999/45/KE). Sustanzi kellhom jiġu kklassifikati u ttikkettati skont is-sistema CLP mill-1 ta' Diċembru 2010, filwaqt li għal taħlitiet l-iskadenza biex jinqalbu għal CLP kienet l-1 ta' Ġunju 2015.

CLP jitratta l-maġġoranza tas-sustanzi kimiċi mqiegħda fis-swieq industrijali, professjonali u tal-konsumatur fl-UE, inklużi dawk forniti mingħajr ħlas.

Iktar minn 20 liġi tal-UE jirreferu għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar tas-sustanzi kimiċi, li jfisser li ladarba sustanza tkun ikklassifikata bħala perikoluża, jidħlu rekwiżiti legali oħra biex jikkontrollaw l-użu tagħhom, bħar-rekwiżit biex titwettaq valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika fil-post tax-xogħol. Meta sustanzi ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq għal ċerti użijiet minħabba l-klassifikazzjoni tagħhom, il-kumpaniji jeħtieġu li jsibu alternattivi. Pereżempju, sustanzi li huma kklassifikati bħala karċinoġeni, mutaġeni jew tossiċi għar-riproduzzjoni ma jistgħux jintużaw fi prodotti tal-konsumatur f'aktar minn ċerti livelli ta' konċentrazzjoni.

Il-**BPR** huwa r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (UE) 528/2012. Dan jikkonċerna t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti bijoċidali, li jintużaw biex jipproteġu lil bnedmin, lill-annimali, materjali jew oġġetti kontra organiżmi ta' ħsara, bħal pesti jew batterji, bl-azzjoni tas-sustanzi attivi li jinsabu fil-prodott bijoċidali. Il-BPR jirrivela u jissostitwixxi d-Direttiva dwar Prodotti Bijoċidali 98/8/KE Ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb il-funzjonament tas-suq tal-prodotti bijoċidali fl-UE, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-bnedmin u għall-ambjent.

Il-prodotti bijoċidali kollha jeħtieġu awtorizzazzjoni qabel ma jkunu jistgħu isiru disponibbli fis-suq, u s-sustanzi attivi li jinsabu f'dak il-prodott bijoċidali għandhom l-ewwel jiġu approvati bl-eċċezzjoni ta' dawk li qegħdin jiġu rieżaminati.

**BPR**

Ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali (UE) 528/2012,

Impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom l-istess responsabbiltajiet bħal kumpaniji kbar u ma jistgħux ikunu eżentati minn kwalunkwe mir-rekwiżiti għal sigurtà kimika.

## 1.1 LIEMA SUSTANZI KIMIĊI HUMA KOPERTI?

REACH, CLP u BPR japplikaw għal varjetà kbira ta' prodotti forniti u użati fil-forma ta' sustanzi, taħlitiet u oġġetti kimiċi.

REACH

CLP

REACH u CLP jiddefinixxu sustanza, taħlita u oġġett kif ġej:

Sustanza tfisser element kimiku u l-komposti tiegħu fl-istat naturali jew miksub bi kwalunkwe proċess ta' manifattura, inkluż kwalunkwe addittiv meħtieġ sabiex jippriżerva l-istabbiltà tiegħu u kwalunkwe impurità li tiġi mill-proċess użat, iżda eskluż kwalunkwe solvent li jista' jiġi separat mingħajr ma tkun milquta l-istabbiltà tas-sustanza jew tinbidel il-kompożizzjoni tagħha

> **eżempji**: metalli (aluminju, żingu, ħadid, kromju, eċċ.), aċeton, ftalati, etanol.

**Taħlita** tfisser taħlita jew soluzzjoni komposta minn żewġ sustanzi jew aktar.

> **eżempji**: żebgħa, gloj, linka, liegi tal-metall, deterġenti għal tindif fid-dar.

**Oġġett** tfisser oġġett mogħti forma, superfiċi jew disinn speċjali li jiddetermina l-funzjoni tiegħu fi grad akbar mill-kompożizzjoni kimika tiegħu.

BPR

> **eżempji:** ilbies, għamara, elettroniċi u prattikament l-oġġetti kollha tal-ħajja moderna.

Attenzjoni: Jekk l-iskop primarju tal-prodott hu li jirrilaxxa s-sustanza, bħal fil-każ ta' pinna, fwieħa, skartoċċ tal-linka, mhuwiex ikkunsidrat bħala oġġett taħt REACH. Huwa kombinazzjoni ta' kontenitur (pereżempju, flixkun tal-fwieħa) u l-kontenut tiegħu (il-fwieħa). Għaldaqstant, il-kontenitur ser jiġi kkunsidrat bħala oġġett, u l-fwieħa - bħala taħlita.

Il-BPR jiddefinixxi prodott bijoċidali, sustanza attiva u oġġett trattat kif ġej:

**Prodott bijoċidali** tfisser:

Kwalunkwe sustanza jew taħlita, fil-forma fornita lill-utent, li tikkonsisti fi, tinkludi jew tiġġenera sustanza attiva waħda jew iktar, bl-intenzjoni li tiddistruġġi, tkun ta' deterrent, trendi mingħajr ħsara, tipprevjeni l-azzjoni ta', jew xort'oħra turi effett ta' kontroll fuq, kwalunkwe organiżmu ta' ħsara bi kwalunkwe mezz milli sempliċiment azzjoni fiżika jew mekkanika.

Kwalunkwe sustanza jew taħlita, iġġenerata minn sustanzi jew taħlitiet li fihom infushom ma jaqgħux taħt l-ewwel inċiż, li għandhom jintużaw bl-intenzjoni li jiddistruġġu, jkunu ta' deterrent, irendu mingħajr ħsara, jipprevjenu l-azzjoni ta', jew xort'oħra juru effett ta' kontroll fuq, kwalunkwe organiżmu ta' ħsara bi kwalunkwe mezz milli sempliċiment azzjoni fiżika jew mekkanika.

Oġġett trattat li għandu funzjoni primarja bijoċidali għandu jiġi kkunsidrat bħala prodott bijoċidali

**eżempji**: Prodotti bijoċidali huma kklassifikati fi 22 tip ta' prodott (elenkati fit-Titolu V tal-BPR) raggruppati f'erba' oqsma ta' applikazzjoni prinċipali:

- Diżinfettanti, għal użu fid-dar u industrijali;
- Preżervattivi, għal prodotti manifatturati u naturali;
- Prodotti għall-kontroll tal-pesti;
- prodotti bijoċidali speċjalisti oħrajn, pereżempju, prodotti antiveġetattivi.

L-Anness II jipprovdi deskrizzjonijiet ta' kull tip ta' prodott.

**Sustanza attiva** tfisser sustanza jew mikroorganiżmu li għandu azzjoni fuq jew kontra organiżmi ta' ħsara.

Il-BPR jinkludi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi għal nanomaterjali, kemm f'sustanzi attivi kif ukoll fi prodotti bijoċidali.

**Oġġett trattat** tfisser kwalunkwe sustanza, taħlita jew oġġett trattat bi, jew li intenzjonalment jinkorpora, prodott bijoċidali wieħed jew iktar.

**eżempji**: oġġetti tal-ġilda, għamara tal-injam, prodotti tal-kamra tal-banju, affarijiet tal-kċina - prattikament kwalunkwe prodott tal-konsumatur mhux tal-ikel immanifatturat jew importat fis-suq tal-UE, meta jkun ġie trattat bi jew jinkorpora intenzjonalment prodott bijoċidali wieħed jew iktar.

**Il-BPR jinkludi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi għal nanomaterjali, kemm f'sustanzi attivi kif ukoll fi prodotti bijoċidali.**

## 1.2 Min GĦANDU JIKKONFORMA?

L-atturi kollha fil-katina tal-provvista ta' prodott kimiku għandhom rwol importanti biex jikkontrollaw ir-riskji u jiżguraw l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi. Għaldaqstant, ir-rekwiżiti ta' REACH, CLP u BPR japplikaw għalihom kollha.

REACH

CLP

**Definizzjonijiet legali**

L-atturi fil-katina tal-provvista huma definiti minn REACH u CLP kif ġej:

**Manifattur** tfisser kwalunke persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-UE li timmanifattura sustanza fi ħdan l-UE.

**Importatur** tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi ħdan l-UE li hija responsabbli mill-importazzjoni.

**Distributur** tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi ħdan l-UE, inkluż bejjiegħ bl-imnut, li jaħżen u jqiegħed fis-suq biss sustanza, waħidha jew f'taħlita, għal partijiet terzi.

**Utent downstream** tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fi ħdan l-UE, minbarra l-manifattur jew l-importatur, li tuża sustanza, waħidha jew f'taħlita, waqt l-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħha.

Utenti downstream jistgħu jinsabu f'diversi industriji u xogħlijiet u jirrappreżentaw fil-maġġoranza tagħhom lil SMEs. Eżempji fil-kuntest tar-regolamenti REACH u CLP jinkludu:

**Formulaturi:** Jipproduċu taħlitiet, li huma ġeneralment forniti iktar 'l isfel. Dawn jinkludu, pereżempju, żebgħa, adeżivi, deterġenti u kits djanjostiċi.

**Utenti finali:** Jużaw prodotti kimiċi iżda ma jfornuhomx iktar 'l isfel. Eżempji jinkludu utenti ta' adeżivi, żebgħa, kisi u linka, lubrikanti, aġenti tat-tindif, solventi u riaġenti kimiċi bħal prodotti li jbajdu.

**Produtturi ta' oġġetti:** Jinkorporaw sustanzi jew taħlitiet fi jew fuq materjali biex jiffurmaw oġġett. Eżempji jinkludu tessili, tagħmir industrijali, apparat domestiku u vetturi (kemm komponenti kif ukoll oġġetti lesti).

**Aġenti li jimlew mill-ġdid**: It-trasferiment ta' sustanzi jew taħlitiet minn kontenitur għal ieħor, normalment fil-proċess ta' imballaġġ mill-ġdid jew l-għoti ta' isem kummerċjali ġdid.

**Importaturi mill-ġdid**: Jimportaw sustanza, waħidha jew f'taħlita, li oriġinarjament tkun ġiet prodotta fl-UE, u rreġistrata minn xi ħadd fl-istess katina tal-provvista.

**Importatur b'rappreżentant uniku**: Importaturi huma utenti downstream meta l-fornitur tagħhom mhux tal-UE ikun innomina rappreżentant uniku bl-iskop li jaġixxi bħala reġistrant stabbilit fl-Unjoni.

L-atturi kollha fil-katina tal-provvista ta' prodott kimiku għandhom rwol importanti biex jikkontrollaw ir-riskji u jiżguraw l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi.

Utenti downstream huma:

**Utenti industrijali:** Ħaddiema li jużaw prodotti kimiċi f'sit industrijali, li jista' jkun żgħir jew kbir.

**Utenti professjonali:** Ħaddiema li jużaw prodotti kimiċi mhux f'ċirkostanzi industrijali, pereżempju, f' kamra tax-xogħol, sit ta' klijent, jew stabbiliment edukattiv jew tal-kura tas-saħħa. Eżempji tipiċi oħra ta' negozji żgħar b'użu professjonali jinkludu kumpaniji tal-kostruzzjoni u kumpaniji mobbli li jnaddfu jew bajjada professjonali.




| REACH ACTORS | ATTURI REACH |
|---|---|
| Manufacturer | Manifattur |
| Downstrem user | Utent downstream |
| Distributor | Distributur |
| Formulmator | Formulatur |
| Importer | Importatur |
| Professional end user | Utent finali professjonali |
| Industrial end user | Utent finali industrijali |
| Consumer | Konsumatur |

BPR

Definizzjonijiet legali

Ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali jiddefinixxi l-atturi kif ġej:

**Fornitur tas-sustanza** huwa persuna stabbilita fl-Unjoni li timmanifattura jew timporta sustanza rilevanti, weħidha jew fi prodotti bijoċidali.

**Fornitur tal-prodott** huwa persuna li timmanifattura jew tqiegħed fis-suq prodott bijoċidali li jkun jikkonsisti fi, jinkludi jew jiġġenera sustanza rilevanti.

## 1.3 IR-REGOLAMENT REACH - KIF JAĦDEM?

**Reġistrazzjoni**



»http://echa.europa.eu/regulations/reach/evaluation

REACH huwa bbażat fuq erba' proċeduri prinċipali li jiżguraw il-manifattura, distribuzzjoni u użu siguri ta' sustanzi kimiċi u prodotti li jinkluduhom: ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni.

**Reġistrazzjoni**
Titolu II ta' REACH

Kull kumpanija li timmanifattura jew timporta sustanza waħedha, f'taħlitiet jew, f'ċerti każijiet f'oġġetti wkoll 'il fuq minn tunnellata metrika kull sena, irrispettivament jekk tkunx perikoluża jew le, għandha tirreġistra s-sustanza mal-ECHA, inkella ma tkunx tista' tqiegħdha fis-suq tal-UE: Il-prinċipju "Ebda data, ebda suq".

Jeżistu eżenzjonijiet mir-reġistrazzjoni, elenkati fl-Artikolu 2 ta' REACH.

Fl-2008 il-prereġistrazzjoni ippermettiet, taħt ċerti kondizzjonijiet, perjodi tranżizzjonali differenti għar-reġistrazzjoni, fl-2010, fl-2013 u fl-2018 għall-biċċa l-kbira tas-sustanzi fis-suq fil-preżent, skont it-tunnellaġġ u l-perikoli tagħhom. Għal kumpaniji li jimmanifatturaw jew jimportaw sustanzi għall-ewwel darba, il-prereġistrazzjoni tard għadha possibbli qabel il-31 ta' Mejju 2017, fejn tapplika l-iskadenza tal-2018. Kumpaniji li għandhom l-intenzjoni li jirreġistraw l-istess sustanza għandhom jaħdmu flimkin f'forum ta' skambju ta' informazzjoni dwar sustanzi (SIEF) biex jikkondividu informazzjoni u jevitaw testijiet mhux neċessarji.

Sustanzi manifatturati jew ġodda u mhux prereġistrati jeħtieġu li jiġu rreġistrati qabel ma jitqiegħdu fis-suq.




| | |
|---|---|
| TIMELINES FOR REGISTRATION | ŻMIEN GĦAL REĠISTRAZZJONI |
| PRE-REGISTERED SUBSTANCES | SUSTANZI PREREĠISTRATI |
| Pre-registration | Prereġistrazzjoni |
| 1 june – 30 November 2008 | 1 ta' Ġunju - 30 ta' Novembru 2008 |
| Late pre-registration | Prereġistrazzjoni tard |
| Until 31 may 2017 | Sal-31 ta' Mejju 2017 |
| 1 june 2008 | 1 ta' Ġunju 2008 |
| 30 November 2010 | 30 ta' Novembru 2010 |
| 31 may 2013 | Il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju 2013 |
| 31 may 2018 | 31 ta' Mejju 2018 |
| ≥ 1 000t/a | ≥ 1 000t/a |
| CMR ≥ 1 t/a | CMR ≥ 1 t/a |
| R50/53 CMR ≥ 100t/a | R50/53 CMR ≥ 100t/a |
| ≥ 100 t/a | ≥ 100 t/a |

| | |
|---|---|
| ≥ 1 t/a | ≥ 1 t/a |
| Legend: | Tifsira: |
| CMR - carcinogenic, mutagenic, reproductive toxicant | CMR - karċinoġeniku, mutaġeniku, tossikant riproduttiv |
| R50/53 - toxic for the aquatic environment | R50/53 - tossiku għall-ambjent akkwatiku |
| t/a - tonnes per year | t/a - tunnellati metriċi fis-sena |

**Il-Valutazzjoni**
Titolu VI ta' REACH
l-ECHA tikkontrolla l-konformità ta' informazzjoni fid-dossiers tar-reġistrazzjoni u teżamina l-proposti kollha ta' ttestjar fihom biex tiżgura li l-ittestjar mhux neċessarju fuq l-annimali jiġi evitat. L-Istati Membri jivvalutaw is-sustanzi għal tħassib speċifiku li jirrigwarda s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

**Awtorizzazzjoni**
Titolu VII ta' REACH
Din il-proċedura hija introdotta biex tiżgura li r-riskji mis-sustanzi kimiċi fis-suq bl-ogħla tħassib huma kkontrollati b'mod adegwat. L-iskop hu li sustanzi ta' tħassib serju ħafna jiġu sostitwiti b'alternattivi iktar siguri meta teknikament u ekonomikament vijabbli.

Jeżistu diversi stadji fil-proċedura u kull wieħed minnhom jinkludi konsultazzjoni pubblika:

**AWTORIZZAZZJONI**

»http://echa.europa.eu/regulations/reach/authorisation

»http://echa.europa.eu/regulations/reach/authorisation

**PROĊEDURA TA' AWTORIZZAZZJONI REACH - SVHC**




| | |
|---|---|
| 1. Candidate List for Authorisation | 1. Lista tal-Kandidati għal Awtorizzazzjoni: |
| 2. Authorisation List | 2. Lista tal-Awtorizzazzjoni |
| 3. application for authorisation | 3. applikazzjoni għal awtorizzazzjoni |

1. **Lista tal-kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs) -** tinkludi sustanzi li jkunu ta' tħassib b'konsegwenzi serji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent:
   - Karċinoġeni, mutaġeniċi jew tossiċi għar-riproduzzjoni, (CMR) b'effett magħruf jew maħsub fuq il-bnedmin;
   - Persistenti, bijoakkumulattiv u tossiku (PBT) jew persistenti ħafna u bijoakkumulattiv ħafna (vPvB)
   - Sustanzi li jikkawżaw livell ekwivalenti ta' tħassib eż. sustanzi li jħarbtu l-endokrina.

SVHCs huma identifikati fuq bażi kontinwa skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 ta' REACH u jiżdiedu mal-Lista tal-Kandidati darbtejn fis-sena - f'Ġunju u f'Diċembru. Dan jikkawża obbligi għal kumpaniji li jfornuhom u jużawhom biex jgħaddu informazzjoni ta' sigurtà fil-katina tal-provvista.

Għal aktar informazzjoni:
»http://echa.europa.eu/regulations/reach/authorisation/the-candidate-list

2. **inklużjoni fil-lista tal-awtorizzazzjoni** (L-Anness XIV għal REACH) ta' sustanzi mil-Lista tal-Kandidati li huma tal-ogħla tħassib minħabba l-karatteristiċi perikolużi u l-mudell ta' użu tagħhom. L-użu ta' dawn is-sustanzi huwa pprojbit wara ċerta data ("data ta' terminazzjoni"), sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni lil kumpaniji individwali għall-użu speċifiku tagħhom, jew sakemm l-użu ma jkunx eżentat minn awtorizzazzjoni. L-iskop li sustanza tkun inkluża fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni hu li jkunu promossi s-sostituzzjoni u l-innovazzjoni.

3. **applikazzjoni għal awtorizzazzjoni**: manifatturi, importaturi u utenti downstream għandhom il-possibbiltà li japplikaw għal awtorizzazzjoni sabiex ikomplu jimmanifatturaw u/jew jużaw sustanzi inklużi fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni. Huma jħallsu pagament (mhux rimborsabbli) u għandhom juru li r-riskji mill-użu tas-sustanza huma kkontrollati b'mod adegwat. Jekk le, tista' tingħata awtorizzazzjoni jekk ikun ippruvat li l-benefiċċji soċjoekonomiċi jkunu akbar mir-riskji u ma hemm ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva addattata.

RESTRIZZJONI

»http://echa.europa.eu/regulations/reach/restriction

Jeżistu ftit eżenzjonijiet mill-awtorizzazzjoni, elenkati fl-Artikoli 2, 56 u 62(2).

L-awtorizzazzjoni mhijiex marbuta mal-proċeduri tar-reġistrazzjoni.

**Restrizzjoni**
Titolu VIII ta' REACH

Xi sustanzi jew taħlitiet li jippreżentaw riskji mhux aċċettabbli jistgħu jkunu pprojbiti għal kollox fis-suq tal-UE (eż. l-asbestos), ikollhom restrizzjonijiet fuq użijiet speċifiċi (eż. ftalati fil-ġugarelli u prodotti għall-kura tat-tfal), jew ikollhom limiti fuq il-konċentrazzjoni tas-sustanza (eż. fi prodotti tal-konsumatur bħal tajers, ilbies jew ġojjellerija). Meta ċerti użijiet ikunu ristretti jew is-sustanza tkun ipprojbita fis-suq tal-UE, is-sostituzzjoni hija obbligatorja.

Ir-restrizzjonijiet mhumiex marbutin mal-proċedura tar-reġistrazzjoni.

Jeżistu wkoll restrizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà tal-prodotti u speċifika għas-settur, pereżempju, dwar deterġenti, kożmetiċi, ġugarelli, elettroniċi.

## X'INHU MEĦTIEĠ MILL-ATTURI DIFFERENTI SABIEX JIKKONFORMAW MA' REACH?

REACH jistabbilixxi rekwiżiti differenti għal atturi differenti, skont il-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista u l-prodott ikkunsidrat.

Il-komunikazzjoni fil-katina tal-provvista dwar is-sigurtà kimika hija meħtieġa mill-atturi kollha.

Rekwiżiti għal kull attur:

### MANIFATTURI TA' SUSTANZI



- **Irreġistra** s-sustanza jekk is-sustanza hija mmanifatturata f'ammonti ugwali għal jew f'aktar minn tunnellata metrika kull sena għal kull manifattur, u jekk is-sustanza mhijiex eżentata mir-reġistrazzjoni. Jekk is-sustanza ġiet prereġistrata, l-iskadenza għar-reġistrazzjoni hija l-31 ta' Mejju 2018 għal sustanzi mqiegħda fis-suq tal-UE f'bejn tunnellata metrika 1 u 100 tunnellata metrika kull sena. Sustanzi forniti f'volum ogħla u dawk l-iktar perikolużi, eż. dawk li huma karċinoġeni, diġà kellhom jiġu rreġistrati fl-2010 u fl-2013. Manifatturi u importaturi li jqiegħdu sustanzi ġodda u sustanzi li ma kinux prereġistrati fis-suq għandhom jirreġistrawhom qabel il-manifattura jew l-importazzjoni.
- **Wettaq valutazzjoni tas-sigurtà kimika** biex tidentifika u tiddeskrivi l-kondizzjonijiet li taħthom il-manifattura u l-użu ta' sustanza huma kkunsidrati siguri u ppreżenta rapport dwar is-sigurtà kimika (CSR). Dan huwa meħtieġ meta sustanza hija mmanifatturata f'aktar minn 10 tunnellati metriċi f'sena.
- **Ikkomunika** informazzjoni ta' sigurtà fil-katina tal-provvista fejn tipprovdi skeda ta' data ta' sigurtà għas-sustanzi perikolużi kif meħtieġ. L-iskeda ta' data ta' sigurtà, li hija rregolata minn REACH (l-Artikolu 31 u l-Anness II), hija l-għodda primarja għall-komunikazzjoni fil-katina tal-provvista sabiex tkun żgurata ġestjoni aħjar tar-riskji minn sustanzi perikolużi.
- **Ikkontrolla** jekk hijiex inkluża xi sustanza fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni (l-Anness XIV) jew fil-Lista tar-Restrizzjonijiet (l-Anness XVII). F'dawn il-każijiet din ma tistax titqiegħed fis-suq mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel jew tintuża fil-kondizzjonijiet deskritti fir-restrizzjoni.

### FORMULATURI



Il-formulaturi jużaw is-sustanzi u/jew it-taħlitiet bħala ingredjenti għat-taħlitiet li huma jipproduċu.

- Jekk il-fornitur ta' sustanza jew taħlita jkun jinsab fl-UE, is-sustanzi weħidhom jew li jkunu jinsabu fit-taħlita għandhom diġà jkunu ġew (pre-)reġistrati mill-manifatturi tagħhom. F'dan il-każ, il-formulatur tat-taħlita huwa kkunsidrat bħala utent downstream u m'għandux għalfejn jirreġistra s-sustanza, iżda għandu jikkonforma mar-rekwiżiti l-oħrajn kollha għal utenti downtream.
- Jekk il-fornitur ta' sustanza jew taħlita jkun jinsab barra l-UE u ma jkollux rappreżentant uniku fl-UE, il-formulatur tat-taħlita huwa kkunsidrat bħala l-importatur. F'dan il-każ, għandu jikkonforma mar-rekwiżiti għal importaturi u jirreġistra s-sustanzi użati weħidhom jew li jinsabu fit-taħlita.

Meta l-formulatur iforni t-taħlita downstream, għandu d-dmir li jikkomunika informazzjoni dwar l-użu sigur u jipprepara skeda ta' data ta' sigurtà meta meħtieġ.

Għal aktar informazzjoni:

»http://echa.europa.eu/regulations/reach/downstream-users/who-is-a-downstream-user/formulators
»

Fil-materja prima għal prodott singolu, li huwa taħlita, huwa possibbli li jkollok iż-żewġ każijiet. Il-fornitur ta' sustanza/taħlita waħda jista' jkun ibbażat fl-UE u l-fornitur ta' sustanza/taħlita oħra - barra l-UE.

## PRODUTTURI TA' OĠĠETTI

Produttur ta' oġġetti għandu r-rwol ta' utent downstream (jekk ikun juża sustanza jew taħlita fil-produzzjoni ta' oġġett) u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti rispettivi. Barra minn hekk, produttur ta' oġġett jista' jkollu obbligu wieħed jew iktar minn dawn li ġejjin:

- **Irreġistra** sustanza rrilaxxata intenzjonalment minn oġġetti, jekk iktar minn tunnellata metrika waħda fis-sena ta' dik is-sustanza titqiegħed fis-suq u jekk ma kinitx irreġistrata għal dan l-użu mill-manifattur tagħha. Din tkun, pereżempju, s-sustanza rilaxxata minn ġugarell li jerħi riħa tfuħ.
- **Avża** lill-ECHA dwar sustanza fil-Lista tal-Kandidati li tinsab fil-kompożizzjni tal-oġġett f'konċentrazzjoni 'l fuq minn 0.1% piż b'piż u fi kwantità 'l fuq minn tunnellata metrika waħda fis-sena, jekk is-sustanza ma tkunx ġiet irreġistrata għal dak l-użu.
- **Ikkomunika** informazzjoni dwar l-użu sigur lil klijenti jekk sustanza fuq il-Lista tal-Kandiati tkun tinsab f'oġġett f'konċentrazzjoni ta' aktar minn 0.1% piż b'piż. Tal-inqas l-isem tas-sustanza għandu jingħata lill-klijenti professjonali, u meta jitolbuh lill-konsumaturi.
- **Ikkontrolla** u kun żgur li ebda sustanza li tinsab fl-oġġett ma tkun ristretta għal dan l-użu.

Skedi ta' data ta' sigurtà mhumiex meħtieġa għal oġġetti.

Għal aktar informazzjoni:

Gwida fil-Qosor dwar ir-Rekwiżiti għal Sustanzi f' Oġġetti

»http://echa.europa.eu/support/guidance-on-reach-and-clp-implementation/guidance-in-a-nutshell

Il-komunikazzjoni fil-katina tal-provvista dwar is-sigurtà kimika hija meħtieġa mill-atturi kollha.

## IMPORTATURI TA' SUSTANZI U/JEW TAĦLITIET



L-importatur ta' sustanza għandu l-istess obbligi bħal manifattur.

L-importatur ta' taħlita għandu jirreġistra s-sustanzi kollha fit-taħlitiet jekk ikunu forniti fi kwantità ta' aktar minn tunnellata metrika waħda fis-sena għal kull sustanza.

L-importatur għandu, madankollu, jikkontrolla jekk il-manifattur li jkun jinsab barra l-UE jkunx ħatar rappreżentant uniku fl-UE biex jissodisfa l-obbligi ta' importaturi ta' sustanzi, taħlitiet u/jew oġġetti (Artikolu 8). F'dak il-każ, l-importaturi jitqiesu bħala utenti downstream.

## IMPORTATURI TA' OĠĠETTI



L-importatur ta' oġġetti għandu jikkonforma mal-istess rekwiżiti bħall-produttur ta' oġġetti. Madankollu, jista' jkun iktar diffiċli għal importaturi li jiġbru l-informazzjoni dwar is-sustanzi rilaxxati matul l-użu u dwar kwalunkwe SVHCs li jkunu jinsabu f'oġġett.

Informa lill-fornituri tiegħek mhux tal-UE bir-rekwiżiti REACH.

## UTENTI DOWNSTREAM



Utenti downstream m'għandhomx l-obbligu li jirreġistraw.

Biex jiżguraw l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi huma kollha meħtieġa:

**Jidentifikaw u japplikaw miżuri xierqa fl-iskeda ta' data ta' sigurtà**

Utent downstream għandu jsegwi l-istruzzjonijiet tal-iskedi ta' data ta' sigurtà pprovduti mill-fornituri ta' sustanza jew taħlita perikoluża. Jekk is-sustanza perikoluża tkun irreġistrata, l-iskeda ta' data ta' sigurtà tista' tkun tinkludi xenarji ta' esponiment, li jkunu jiddeskrivu kif għandhom jiġu ġġestiti r-riskji għal kull użu identifikat.

Meta utent downstream jirċievi skeda ta’ data ta’ sigurtà, jeħtieġ li jidentifika u japplika miżuri xierqa biex jikkontrolla r-riskji fuq il-post tiegħu. Dan għandu jsir fi żmien 12-il xahar minn meta jirċievi skeda ta' data ta' sigurtà għal sustanza rreġistrata.

**Ikkomunika informazzjoni ta' sigurtà lil fornituri u lil klijenti**

- **Ir-responsabbiltà li tinforma lill-fornituri**: Utent downstream għandu jinforma lill-fornitur jekk il-miżuri tal-ġestjoni tar-riskji ma jkunux xierqa jew jekk għandhomx informazzjoni ġdida dwar identifikazzjoni jew klassifikazzjoni dwar il-perikolu. Dawn l-azzjonijiet għandu jeħodhom mingħajr dewmien.

- **L-opportunità li użu tagħmlu** bħala wieħed identifikat: Din hija possibbiltà, li tista' tagħmilha iktar faċli u irħas għal utent downstream li jkollu r-riskji għall-użijiet tiegħu ivvalutati, minħabba li ssir mill-manifattur jew mill-importatur li jirreġistra s-sustanza. Biex ikun possibbli li l-użu(użijiet) tiegħu jkunu inklużi f'dossier ta' reġistrazzjoni, l-utent downstream għandu jinforma lill-fornitur tiegħu dwar kif juża s-sustanza. Huwa rrakkomandat li tikkuntattja lil fornituri permezz tal-organizzazzjonijiet tas-settur. Jekk għal raġunijiet kummerċjali utent downstream jiddeċiedi li ma jgħarrafx l-użijiet tiegħu, jista' jagħżel li jagħmel huwa stesss rapport dwar is-sigurtà kimika.
- **Ir-responsabbiltà li tinforma lil klijenti:** Kumpanija li tforni sustanzi jew taħlitiet perikolużi għandha tipprovdi informazzjoni lill-klijenti tagħha dwar l-użu sigur tagħhom, fil-forma ta' skeda ta' data ta' sigurtà. Din l-informazzjoni għandha tiġi aġġornata mingħajr dewmien jekk:
  - issir disponibbli informazzjoni ġdida li tista' taffettwa miżuri tal-ġestjoni tar-riskji, jew informazzjoni ġdida dwar perikoli;
  - tkun ingħatat jew ġiet rifjutata awtorizzazzjoni;
  - tkun ġiet imposta restrizzjoni.

**Ikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni**

Jekk utent downstream juża sustanza fil-lista ta' sustanzi soġġetti għal awtorizzazzjoni, imbagħad għandu jikkonforma mal-kondizzjonijiet speċifikati fl-awtorizzazzjoni mogħtija lil attur aktar 'il fuq fil-katina tal-provvista tiegħu u javża lill-ECHA fi żmien tliet xhur mill-ewwel fornitura tas-sustanza.

L-utent downstream jista' wkoll japplika għal awtorizzazzjoni jekk is-sustanza tkun kritika għan-negozju tiegħu. Jekk ma tingħata ebda awtorizzazzjoni lilu jew lil kumpanija 'l fuq fil-katina tal-provvista tiegħu, għandu jieqaf milli juża s-sustanza wara li tgħaddi d-data ta' terminazzjoni u jfittex alternattivi iktar siguri.

**Ikkonforma mar-restrizzjonijiet tal-użu**

Jekk tkun tapplika restrizzjoni għal sustanza li juża l-utent downstream, jista' jkompli biss jużaha jekk jikkonforma mal-kondizzjonijiet tar-restrizzjoni.

Għal aktar informazzjoni:

Paġni web tal-ECHA għall-utenti downstream
»http://echa.europa.eu/downstream

Gwida fil-Qosor għal Utenti downstream

»http://echa.europa.eu/support/guidance-on-reach-and-clp-implementation/guidance-in-a-nutshell

## DISTRIBUTURI

Il-prijorità primarja għad-distributuri hi li jiżguraw li s-sustanzi kimiċi li huma jfornu, jikkonformaw mar-reġistrazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-rekwiżiti ta' restrizzjoni ta' REACH.

Żewġ sitwazzjonijiet jistgħu jbiddlu r-rwol ta' distributur:

- o meta jforni prodott kimiku direttament minn barra l-UE, huwa jkun importatur
- o meta jerġa' jagħmel imballaġġ tal-prodott kimiku jew jittikkettah mill-ġdid biex jinkludih fid-ditta tiegħu, jiġi kkunsidrat bħala utent downstream.

Distributuri, inklużi bejjiegħa bl-imnut, mhumiex utenti downstream u m'għandhomx għalfejn jirreġistraw is-sustanzi jew japplikaw għal awtorizzazzjoni.

### Ikkomunika informazzjoni ta' sigurtà lill- forrnituri u lill-klijenti

Id-distributuri huma l-konnessjoni għal komunikazzjoni bejn il-manifatturi u l-klijenti tagħhom u jiżvolġu rwol importanti biex jiżguraw l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi. Għandhom jgħaddu l-informazzjoni ta' sigurtà 'l fuq u 'l isfel fil-katina tal-provvista. Dan jista' jinkluxi informazzjoni dwar it-trattament sigur ta' sustanzi kimiċi riċevut mill-manifattur u mgħoddija lill-klijent fi skeda ta' data ta' sigurtà kif meħtieġ jew informazzjoni mill-klijent dwar l-użu tas-sustanza kimika mgħoddija 'l fuq lill-manifattur jew lill-importatur.

Fornituri ta' oġġetti għandhom jipprovdu pariri dwar l-użu sigur ta' oġġett lill-utenti industrijali u professjonali jekk l-oġġett ikun jinkludi sustanza fuq il-Lista tal-Kandidati f'konċentrazzjoni ta' 0.1% piż b'piż. Bl-istess mod, huma obbligati jwieġbu fi żmien 45 jum u mingħajr ħlas għal talbiet bħal dawn minn konsumaturi. Dan jista' jwassal għal aktar pressjoni fuq l-industrija biex twieġeb għad-domandi tal-konsumatur għal prodotti iktar siguri billi tissostitwixxi sustanzi ta' tħassib serju ħafna b'alternattivi iktar siguri.



**L-entitajiet attivi kollha**
**REACH jeħtieġ li manifatturi, importaturi utenti downstream u distributuri jżommu l-informazzjoni għal 10 snin mid-data tal-aħħar fornitura tas-sustanzi kimiċi.**


Gas under pressure
Gas under tryck
Explosive
Räjähde
Explosiv
Oxidising
Hapettava
Oxiderande

## 1.4 IR-REGOLAMENT CLP - KIF JAĦDEM?

Li tkun taf bil-potenzjal ta' sustanza kimika li tikkawża ħsara lill-bnedmin jew lill-ambjent li jista' jwassal biex tiġi kklassifikata bħala perikoluża huwa l-punt ta' tluq għal ġestjoni sigura tas-sustanza kimika.

Is-sustanzi u t-taħlitiet kollha għandhom jiġu kklassifkati u dawk perikolużi għandhom jiġu ttikkettati u b'imballaġġ skont CLP (stabbilit fit-Titoli II, III u IV) qabel ma jitqiegħdu fis-suq, irrispettivament mill-ammonti li fihom huma forniti u użati. CLP japplika wkoll għal sustanzi u taħlitiet perikolużi użati fir-riċerka u l-iżvilupp, jew bħala sustanzi intermedji fil-proċess ta' produzzjoni meta jiġu importati jew forniti lil partijiet terzi.

**Manifatturi, importaturi u utenti downstream** ta' sustanzi u taħlitiet għandhom:

- Jikklassifikaw kemm is-sustanzi kif ukoll it-taħlitiet skont il-kriterji CLP,
- Japplikaw ir-rekwiżiti ta' ttikkettar u imballaġġ għal prodotti ta' sustanzi kimiċi perikolużi.

Biex jikkonformaw ma' CLP manifatturi u importaturi ta' sustanzi u taħlitiet għandhom jippreżentaw notifika ta' klassifikazzjoni u ttikkettar lill-ECHA għal kull sustanza li tissodisfa l-kriterji biex tiġi kklassifikata bħala perikoluża u li titqiegħed fis-suq weħidha jew f'taħlita. In-notifika hija meħtieġa wkoll għal kull sustanza li għandha tiġi rreġistrata taħt REACH. Jekk is-sustanza tkun diġà ġiet irreġistrata taħt REACH din hija kkunsidrata bħala notifikata għall-iskopijiet ta' CLP.

**Produtturi ta' oġġetti** u importaturi għandhom obbligi taħt CLP għal oġġetti speċifiċi, bħal oġġetti splussivi (kif deskritt fit-taqsima 2.1 tal-Anness I għal CLP).

**Distributuri** għandhom jiżguraw li s-sustanzi u t-taħlitiet li huma jaħżnu u jbiegħu huma ttikkettati u b'imballaġġ skont ir-rekwiżiti CLP qabel ma jqiegħduhom fis-suq.

Qabel ma jqiegħdu sustanzi jew taħlitiet kimiċi fis-suq, kumpaniji għandhom:

- Jistabbilixxu l-perikoli potenzjali fiżiċi, għas-saħħa u ambjentali u jikklassifikawhom skont il-kriterji CLP;
- Jittikkettaw u jagħmlu imballaġġ is-sustanzi kimiċi skont is-sistema standardizzata stabbilita f'CLP sabiex il-ħaddiema u l-konsumaturi jkunu jafu bl-effetti tagħhom qabel ma jimmaniġġawhom.

**CLP**

» Ikklassifika
» Ittikketta
» Agħmel Imballaġġ
» Avża

## KIF TIKKLASSIFIKA?

Jeżistu żewġ obbligi:

- **klassifikazzjoni armonizzata** (kif elenkata fl-Anness VI għal CLP). Hemm qbil fil-livell tal-UE u huwa legalment vinkolanti għall-fornituri kollha tas-sustanza rispettiva mqiegħda fis-suq weħidha jew f'taħlitiet. Din it-tip ta' klassifikazzjoni normalment tapplika għas-sustanzi l-iktar perikolużi bħal karċinoġeni, mutaġeni, tossiċi għar-riproduzzjoni jew sensitizzanti respiratorji. Sustanzi attivi għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u bijoċidali ġeneralment għandhom klassifikazzjoni armonizzata.

**IKKLASSIFIKA**

»http://echa.europa.eu/regulations/clp/classification

Il-klassifikazzjoni armonizzata tipprovdi bażi uniformi għan-negozji kollha fis-suq tal-UE. Kumpaniji jistgħu jipproponu wkoll li jarmonizzaw il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanza (ħlief għal sustanzi attivi ta' bijoċidi u pestiċidi) u/jew jieħdu sehem f'konsultazzjonijiet pubbliċi dwar il-proposti għall-armonizzazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' sustanzi.

- il-klassifikazzjoni awtonoma (stabbilita fl-Anness I għal CLP) tapplika kemm għal sustanzi kif ukoll għal taħlitiet. Hija meħtieġa għas-sustanzi meta ma jkun hemm ebda klassifikazzjoni armonizzata għall-klassi ta' perikolu meħtieġa. Jekk taħlita tkun tinkludi sustanza bi klassifikazzjoni armonizzata, din l-informazzjoni jeħtieġ li tiġi kkunsidrata meta t-taħlita tiġi kklassifikata.

Hemm normalment ħames stadji bażiċi biex jiġi deċiż dwar il-klassifikazzjoni:

- Identifika d-data kollha disponibbli dwar is-sustanzi u t-taħlitiet;
- Eżamina l-affidabbiltà ta' din l-informazzjoni;
- Ivvaluta l-informazzjoni mal-kriterji ta’ klassifikazzjoni;
- Iddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni;
- Irrieżamina meta ssir disponibbli informazzjoni ġdida.

Kumpaniji jistgħu isegwu dawn l-istadji kollha għall-klassifikazzjoni ta' taħlita billi jużaw is-sit web tal-ECHA:

http://echa.europa.eu/regulations/clp/classification

http://echa.europa.eu/support/mixture-classifiication/where-do-i-start

## ITTIKKETTA



»http://echa.europa.eu/regulations/clp/labelling

KIF TITTIKKETTA?

CLP jiddefinixxi l-kontenut ta' tikketta ta' perikolu u l-organizzazzjoni tad-diversi elementi fiha (l-Artikolu 17 ta' CLP). Ir-regoli ġenerali għall-applikazzjoni ta' tikketti huma pprovduti fl-Artikolu 31 ta' CLP.

Tikketta ta' perikolu hija magħmula minn simboli speċifiċi (magħrufa bħala "pittogrammi") u minn twissijiet.

Taħt CLP, il-pittogrammi ġew iddiżinjati mill-ġdid u mogħtija forma ġdida minn kaxxa oranġjo għal forma ta' djamant b'bordura ħamra (ara l-Anness I). Kliem ta' senjalazzjoni , dikjarazzjonijiet ta' perikolu u ta' prekawzjoni ġodda flimkien ma' informazzjoni supplimentari jissostitwixxi l-indikazzjonijiet ta' perikolu, frażijiet ta' riskju u sigurtà li għandhom jintużaw biex jgħinu lil ħaddiema u lil konsumaturi jifhmu r-riskji ta' perikolu u potenzjali qabel ma jużaw il-prodotti kimiċi.

L-eżempju li ġej juri r-rekwiżiti għat-tikketta ta' perikolu, inklużi d-dimensjonijiet tagħha u l-pożizzjoni tad-diversi elementi.




**Eżempju ta' tikketta ta' perikolu**

| | |
|---|---|
| Product | Prodott |
| Identifier | Identifikatur |
| Main hazardous substances | Sustanzi perikolużi ewlenin |
| PRODUCT ABC | PRODOTT ABC |
| Contains: | Jinkludi: |
| Substance D | Substanza D |
| Substance E | Sustanza E |
| Company X | Kumpanija X |
| XXXX Street Helsinki | XXXX Street Ħelsinki |
| Post Code ABC | Kodiċi Postali ABC |
| Phone:+ 222335 1 358 | Telefon:+ 222335 1 358 |
| Hazard | Pittogrammi |
| pictograms | ta' perikolu |
| DANGER | PERIKOLU |
| May be fatal if swallowed and enters airways. | Jista' jkun fatali jekk jinbela' u jidħol fil-pajpijiet tan-nifs. |
| Causes skin irritation. | Jikkawża irritazzjoni tal-ġilda. |
| May cause drowsiness or dizziness. Very toxic to aquatic life with long lasting effects. | Jista' jikkawża ħedla jew sturdament. Tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema |
| Avoid breathing dust/fume/gas/mist/vapours/spray. Wear protective gloves/protective clothing/eye protection/face protection. | Evita li tibla' bin-nifs trabijiet/dħaħen/gass/raxx/fwar/sprej Ilbes ingwanti ta' protezzjoni /ilbies ta' protezzjoni/protezzjoni għall-għajnejn/protezzjoni għall-wiċċ. |
| IF SWALLOWED: | JEKK JINBELA': |
| Immediately call a POISON CENTER or doctor/physician. | Ikkuntattja minnufih liċ-ĊENTRU TAL-AVVELENAMENT jew tabib. |
| IF ON SKIN: | JEKK FUQ IL-ĠILDA: |
| Wash with plenty of soap and water. | Aħsel b'ħafna sapun u ilma. |
| IF INHALED: | JEKK JITTIEĦED FIN-NIFS: |
| Remove victim to fresh air and keep at rest in a position comfortable for breathing. | Esponi lill-vittma għall-arja friska u żommha mistrieħa f'pożizzjoni komda biex tkun tista' tieħu n-nifs. |
| Avoid release to the environment. | Evita r-rilaxx fl-ambjent. |
| Nominal | Nominali |
| quantity | kwantità |

## KIF TAGĦMEL IMBALLAĠĠ?

Rekwiżiti speċjali għall-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi huma stabbiliti fir-Regolament CLP (Artikolu 35). L-imballaġġ ta' prodotti li jinkludu sustanzi u taħlitiet perikolużi għandu jkun maħsub u ddiżinjat b'tali mod li l-kontenut tiegħu ma jistax jaħrab u l-materjali użati ma jistgħux jagħmlu ħsara lill-kontenut. Id-diżinn tal-pakkett ma jistax ikun jatratta lit-tfal jew iqarraq lill-konsumatur.

Pereżempju, il-prodotti domestiċi kollha tat-tindif, deterġenti u prodotti oħra għal pixxini fid-djar, pestiċidi u prodotti għall-ġnien

**IPPAKKJA**

»http://echa.europa.eu/regulations/clp/labelling

m'għandux ikollhom l-istess preżentazzjoni jew diżinn użat għall-ikel jew għall-għalf tal-annimali jew prodotti mediċinali jew kożmetiċi.

## KIF TINNOTIFIKA LILL-INVENTARJU C&L?

Il-proċedura hija sempliċi u mingħajr ħlas. Kumpaniji jippreżentaw l-informazzjoni meħtieġa dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar (C&L) lill-ECHA (Artikolu 40 ta' CLP). Jistgħu jużaw l-għodda onlajn maħsuba biex tiggwidhom matul il-proċess. It-taħlitiet infishom m'għandhomx jiġu notifikati, iżda jkunu fis-suq b'mod illegali jekk is-sustanzi perikolużi kollha li jkunu jinkludu ma jiġux notifikati mill-manifatturi jew mill-importaturi tagħhom.

In-notifika għandha ssir mhux iktar tard minn xahar wara t-tqegħid fis-suq tal-UE tas-sustanza perikoluża weħidha jew f'taħlita. Għal importaturi, id-dewmien ta' xahar jibda jingħadd mill-jum li fih il-prodott huwa introdott fiżikament fit-territorju doganali tal-UE. Il-parti mhux kunfidenzjali ta' din l-informazzjoni tiġi ppubblikata mill-ECHA fl-Inventarju C&L.

**AVŻA**

»http://echa.europa.eu/regulations/clp/cl-inventory/notification-to-the-cl-inventory

## DAQQA T'GĦAJN LEJN IR-RWOLI U R-REKWIŻITI CLP

| Ir-rwol fil-katina tal-provvista | Ikklassifika | Ittikketta | Agħmel Imballaġġ | Avża lill-ECHA | Iġbor u żomm l-informazzjoni għal mill-inqas 10 snin |
|---|---|---|---|---|---|
| Manifattur | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| Importatur | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| Produttur/ Importatur ta' splussiv * oġġetti | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| Utent downstream** | Iva/Le | Iva | Iva | Le | Iva |
| Distributur / Bejjiegħ bl-imnut** | Le** | Iva | Iva | Le | Iva |

* Oġġetti splussivi u oġġetti li jipproduċu effett prattiku, splussiv jew pirotekniku (parti 2.1, Anness I għal CLP)

**Utenti downstream u distributuri għandhom possibbiltà li jużaw il-klassifikazzjoni użata mill-fornitur tagħhom sakemm ma jbiddlux
il-prodott b'xi mod (eż il-formulazzjoni ta' taħlita ġdida).



## 1.5 IR-REGOLAMENT DWAR IL-PRODOTTI BIJOĊIDALI - KIF JAĦDEM?

Prodott bijoċidali ma jistax ikun magħmul disponibbli jew jintuża fis-suq sakemm ma jkunx jikkonforma mal-BPR. Il-leġiżlazzjoni tapplika wkoll għal produtturi u importaturi ta' oġġetti trattati.

L-Aċċess għas-suq huwa bbażat fuq proċedura b'żewġ stadji:

- **Is-sustanza attiva** li għandha tintuża fi prodott bijoċidali jew biex titratta oġġett għandha tiġi approvata (ivvalutata pożittiva għall-effiċjenza u għas-sigurtà tagħha) fit-tip ta' prodott rilevanti f'livell tal-UE
- **Il-prodott bijoċidali** jeħtieġ awtorizzazzjoni f'livell nazzjonali jew tal-UE qabel ma jkun jista' jsir disponibbli fis-suq (eż. jinbiegħ) jew jintuża.

**Eċċezzjoni:** Jekk is-sustanza attiva ma tkunx għadha ġiet approvata iżda tkun fil-Programm ta' Rieżami ta' sustanzi attivi eżistenti, il-prodott bijoċidali jista' jsir disponibbli fis-suq u jintuża, soġġett għal-liġijiet nazzjonali.

### L-APPROVAZZJONI TA' SUSTANZI ATTIVI

Għandu jiġi ppreżentat lill-ECHA dossier għall-approvazzjoni ta' sustanza attiva għal tipi ta' prodotti speċifiċi. Meta sustanza attiva tkun ġiet approvata, il-Kummissjoni Ewropea tinkludiha fil-lista ta' sustanzi attivi approvati.

L-INKLUŻJONI FIL-LISTA TA' SUSTANZI LI MA JIKKAWŻAWX TĦASSIB (L-ANNESS I)

Dan jagħti aċċess għal proċedura ġdida simplifikata għall-awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali. Applikazzjoni biex jiġi emendat l-Anness I għandha tiġi ppreżentata lill-ECHA, u, f'xi każijiet, tista' tkun meħtieġa data għall-istima tar-riskju kompleta tas-sustanza.

Għal aktar informazzjoni:

»http://echa.europa.eu/regulations/biocidal-products-regulation/annex-i-amendment

Barra minn dan, mill-1 ta' Settembru 2015, prodott bijoċidali li jikkonsisti fi, li fih, jew li jiġġenera sustanza rilevanti, ma jistax jitqiegħed disponibbli fis-suq tal-UE, jekk il-fornitur tas-sustanza jew il-fornitur tal-prodott ma jkunx inkluż fil-lista ta' sustanzi u fornituri rilevanti għat-tipi ta' prodotti li jagħmel parti minnhom il-prodott. (lista tal-Artikolu 95)

Għal aktar informazzjoni:

»http://echa.europa.eu/biocides-2015

**BPR**

- L-Approvazzjoni ta' sustanzi attivi
- L-Awtorizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali
- Oġġetti trattati

**PROGRAMM TA' REVIŻJONI**

»http://echa.europa.eu/information-on-chemicals/biocidal-active-substances

**L-APPROVAZZJONI TA' SUSTANZI ATTIVI**

»http://echa.europa.eu/information-on-chemicals/biocidal-active-substances

**L-AWTORIZZAZZJONI TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI**

»http://echa.europa.eu/regulations/biocidal-products-regulation/authorisation-of-biocidal-products

## L-AWTORIZZAZZJONI TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI

L-awtorizzazzjoni taħt il-BPR hija differenti minn awtorizzazzjoni taħt REACH. Awtorizzazzjoni BPR tfisser awtorizzazzjoni nazzjonali, awtorizzazzjoni tal-Unjoni jew awtorizzazzjoni simplifikata kif deskritt fl-Artikolu 3 tal-BPR.

Huwa possibbli li tagħżel bejn:

- **Awtorizzazzjoni nazzjonali** (Artikolu 29) - meta kumpanija tkun qiegħda tippjana li tbigħ prodott fi Stat Membri wieħed tal-UE, huwa suffiċjenti li tapplika għal awtorizzazzjoni tal-prodott f'dak il-pajjiż.
- **Rikonoxximent reċiproku** - jekk il-prodott ikun maħsub biex jitqiegħed fis-suq f'diversi pajjiżi Ewropej, il-kumpanija għalhekk għandha tagħżel ir-rikonoxximent reċiproku jew f'sekwenza (Artikolu 33) - billi testendi awtorizzazzjoni li diġà tkun teżisti f'pajjiż wieħed tal-UE, jew b'mod parallel (Artikolu 34) - billi tibda l-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-pajjiżi kollha intiżi f'daqqa.
- **Awtorizzazzjoni tal-unjoni** (Artikolu 41) - din il-proċedura ġdida, iġġestita mill-ECHA, tippermetti lill-kumpaniji jiksbu awtorizzazzjoni tal-UE f'daqqa, għal ċerti prodotti li jkunu ser jintużaw taħt kondizzjonijiet simili tul l-Istati Membri kollha.
- **Awtorizzazzjoni simplifikata** (Kapitolu V) - din il-proċedura "mgħaġġla" ("fast track") ġdida għandha l-iskop li tinkoraġġixxi l-użu ta' prodotti bijoċidali li huma ta' inqas ħsara għall-ambjent, għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali. Biex ikun eliġibbli, il-prodott bijoċidali għandu jkun jinkludi biss sustanzi attivi stabbiliti fl-Anness I għar-regolament. Ma jista' jkun jinkludi ebda sustanza ta' tħassib jew xi nanomaterjali, għandu jkun effettiv b'mod suffiċjenti għall-iskop tiegħu u t-trattament tal-prodott m'għandux ikun jeħtieġ tagħmir personali protettiv. Is-simplifikazzjoni tfisser ipproċessar iktar malajr u aċċess għas-suq kollu tal-UE mingħajr ma jkun meħtieġ rikonoxximent reċiproku.

Għal aktar informazzjoni:

Dwar l-aspetti prattiċi tal-BPR:
»http://echa.europa.eu/practical-guides/bpr-practical-guides

**OĠĠETTI TRATTATI**

»http://echa.europa.eu/regulations/biocidal-products-regulation/treated-articles

## OĠĠETTI TRATTATI

Il-BPR jistabbilixxi regoli dwar l-użu ta' oġġetti trattat bi, jew li jinkorporaw b'intenzjoni, prodott bijoċidali wieħed jew iktar.

Skont ir-regolament, l-oġġetti jistgħu ikunu trattati biss bi prodotti bijoċidali li jinkludu sustanzi attivi approvati fl-UE. Din hija bidla mid-Direttiva dwar il-Prodotti Bijoċidali (mħassra bil-BPR mill-1 ta' Settembru 2013), fejn oġġetti importati minn pajjiżi terzi setgħu jiġu ttrattati b'sustanzi mhux approvati fl-UE - bħal injam trattat bl-arseniku, u sufanijiet u żraben li kienu jinkludu DMF.

Il-kumpaniji għandhom ikunu lesti wkoll li jipprovdu informazzjoni lil konsumaturi dwar it-trattament bijoċidali ta' oġġett li jkunu qegħdin ibigħu. F'każ li konsumatur jitlob informazzjoni dwar oġġett trattat, il-fornitur għandu jipprovdiha mingħajr ħlas fi żmien 45 jum.

## 1.6 X'INHUMA L-ISKADENZI?

Id-dati importanti biex tiżgura aċċess għas-suq:

| | |
|---|---|
| 1<br>ta' Ġunju<br>2015 | CLP<br>Min?<br>Formulaturi jew importaturi ta' taħlitiet |
| | Xiex?<br>Skadenza għat-taħlita<br>klassifikazzjoni (mill-ġdid) u ttikkettar (mill-ġdid) |
| | |
| 1<br>ta' Settembru<br>2015 | BPR<br>Min?<br>Jew fornituri tas-sustanza jew fornituri tal-prodott fil-katina ta' provvista partikolari |
| | Xiex?<br>Inkluż fil-lista ta' sustanzi attivi u fornituri approvati (lista tal-Artikolu 95) |
| 31<br>ta' Mejju<br>2017 | REACH<br>Min?<br>Utenti Downstream |
| | Xiex?<br>Talba mill-fornituri tagħhom biex jivvalutaw l-użijiet ta' sustanzi tagħhom li għandhom jiġu rreġistrati fl-2018 (mhux obbligatorja) |
| 1<br>ta' Ġunju<br>2017 | CLP<br>Min?<br>Distributuri |
| | Xiex?<br>Tmiem tal-ħajja ta' prodott fuq l-ixkaffa għal taħlitiet bil-pittogrammi antiki |
| 31<br>ta' Mejju<br>2018 | REACH<br>Min?<br>Manifatturi u importaturi |
| | Xiex?<br>Skadenza tar-reġistrazzjoni għal sustanzi mqiegħda fis-suq fi/jew f'aktar minn tunnellata metrika fis-sena għal kull kumpanija. Wara din id-data sustanza li ma tkunx irreġistrata tkun fis-suq b'mod illegali. |

| | |
|---|---|
| SKADENZI OĦRA | REACH<br>Min?<br>Manifatturi, importaturi u utenti downstream |
| | Xiex?<br>Applika għal awtorizzazzjoni jekk ikunu jixtiequ jkomplu jqiegħdu sustanza li tinsab fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni, fis-suq għal xi użu jew biex jużawha huma stess wara d-data ta' terminazzjoni tagħha. |
| | CLP<br>Min?<br>Manifatturi u importaturi |
| | Notifika lill-Inventarju C&L fi żmien xahar wara t-tqegħid fis-suq ta' sustanza perikoluża. |
| | REACH<br>Min?<br>Utenti Downstream |
| | Xiex?<br>Utenti downstream li jiddependu minn awtorizzazzjoni mogħtija lil attur iktar 'il fuq fil-katina tal-provvista tagħhom għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet speċifikati fl-awtorizzazzjoni u javżaw lill-ECHA fi żmien tliet xhur mill-ewwel fornitura tas-sustanza. |
| | REACH<br>Min?<br>Utenti Downstream |
| | Xiex?<br>12-il xahar wara li jirċievu skeda ta' data ta' sigurtà għal sustanza rreġistrata biex jidentifikaw u jimplimentaw miżuri dwar il-ġestjoni tar-riskju. |

Jekk jikkonċernawk xi skadenzi minn dawn, ibda pprepara issa. L-ewwel ikollok tieħu deċiżjonijiet kummerċjali importanti u għandu jkollok fis-seħħ strateġija tajba.

Kun żgur li:

- Tidentifika r-rwol tiegħek taħt REACH, CLP u l-BPR għal kull sustanza u li tkun proattiv - biex tikkomunika fil-katina tal-provvista
- Wettaq monitoraġġ tal-volum tas-sustanzi li inti timmanifattura, timporta jew tuża
- Żomm aġġornat mal-iżviluppi legali u wettaq monitoraġġ kostanti fuq is-sit web tal-ECHA jew permezz ta' aħbarijiet tal-ECHA, l-istatus regolatorju tas-sustanzi tagħhom għal klassifikazzjoni armonizzata taħt CLP, l-inklużjoni ta' sustanzi ġodda fil-Lista tal-Kandidati, fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni jew fil-Lista ta' Restrizzjoni REACH, jew l-identifikazzjoni ta' sustanzi attivi bijoċidali bħala kandidati għal sostituzzjoni.

# 2. Kif tifhem il-leġiżlazzjoni tas-sustanzi kimiċi tal-UE

## 2.1 SIB LIEMA MIR-REKWIŻITI JAPPLIKAW GĦALIK

### 2.1.1 Il-każ ta' REACH u CLP




| | |
|---|---|
| Non-EU | Mhux tal-UE |
| Possible roles depending on the supply sources | Rwoli possibbli skont is-sorsi ta' fornitura |
| Possible roles depending on the products manufactured | Rwoli possibbli li jiddependu mill-prodotti manifatturati |
| Substance | Sustanza |
| Mixture | Taħlita |
| Article (end product, component, packaging) | Oġġett (prodott finali, komponent, imballaġġ) |
| Within the European union | Fi ħdan l-Unjoni Ewropea |
| Only representative | Rappreżentant Uniku |
| Importer | Importatur |
| Manufacturer | Manifattur |
| Downstream user | Utent downstream |
| Downstream user | Utent downstream |
| Producer of articles | Produttur ta' oġġetti |
| Producer of articles | Produttur ta' oġġetti |

© Netwerk ta' Impriżi fl-Ewropa, Kmamar ta' Kummerċ u Industrija Basse-Normandie u Alsace

## 1. STADJU 1 IDENTIFIKA R-RWOL TIEGĦEK

Ir-rwoli ewlenin ta' kumpaniji taħt REACH u CLP huma: il-manifattur, l-importatur, l-utent downstream jew id-distributur ta' sustanza weħidha, f'taħlitiet jew f'oġġetti.

| | |
|---|---|
| Il-fornitur huwa bbażat fi jew barra l-UE? | Dan jista' jgħin biex tidentifika jekk għandek rwol ta' importatur. |
| Jekk barra, jeżisti rappreżentant uniku maħtur mill-kumpanija mhux tal-UE? | |
| Għal kumpanija bbażata fl-UE, x'inhi l-pożizzjoni fil-katina tal-provvista għall-prodott speċifiku? | Dan ser jiddetermina jekk intiex manifattur, utent downstream jew distributur. |
| Il-kumpanija qiegħda timmanifattura s-sustanza? | |
| Il-kumpanija qiegħda tuża s-sustanza weħidha jew f'taħlitiet fl-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħha? | |
| Qiegħda biss taħżen u tqiegħed fis-suq il-prodott kimiku mingħajr ma terġa' timla jew tbiddel l-imballaġġ tiegħu? | |

Għal xenarji speċifiċi li jistgħu jgħinu biex jidentifikaw jekk il-kumpanija tiegħek hijiex utent downstream jew għandhiex rwol ieħor fil-katina tal-provvista taħt REACH, uża l-Gwida għal Utenti Downstream tal-ECHA:
»http://echa.europa.eu/documents/10162/13634/du_en.pdf

**2. stadju 2: Identifika l-prodott li inti timmanifattura, tixtri, tbigħ jew tuża**

F'termini REACH u CLP, prodott kimiku jista' jkun sustanza (eż. il-formaldeide), taħlita (eż. lubrikant) jew oġġett għal użu professjonali (eż. frejm ta' tieqa) jew għal konsumaturi (eż. telefown ċellulari, oġġett tal-ġilda).

| | |
|---|---|
| Jeżistu xi eżenzjonijiet ġenerali minn REACH u CLP li japplikaw? | Sustanzi kimiċi u taħlitiet li diġà huma rregolati minn leġiżlazzjonijiet oħra bħal mediċini, kożmetiċi, sustanzi radjoattivi u l-iskart huma parzjalment jew kompletament eżentati mir-rekwiżiti REACH u CLP. |
| X'inhu it-tunnellaġġ annwali tas-sustanza li inti timmanifattura jew timporta weħidha, f'taħlitiet jew f'oġġetti? | Jekk l-ammont totali huwa ugwali għal jew iktar minn tunnellata metrika waħda kull sena għandek tirreġistra s-sustanza biex din tkun fis-suq b'mod legali. |

**3. stadju 3: Identifika jekk il-prodott tiegħek huwiex perikoluż**

Iktar ma jkunu perikolużi s-sustanzi, iktar hu meħtieġ minn fornituri u minn utenti biex dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti REACH u CLP għas-sigurtà kimika.

Dan jista' jwassal għal deċiżjoni biex tirrieżamina l-portafoll tiegħek u tissostitwixxi s-sustanzi (l-iktar) perikolużi b'oħrajn iktar siguri.

Staqsi lilek innifsek il-mistoqsijiet li ġejjin u ħu azzjoni kif meħtieġ:

| | |
|---|---|
| Is-sustanza hija perikoluża? | Ikklassifika, ittikketta u agħmel imballaġġ skont CLP, avża lill-ECHA |
| | Skeda ta' data ta' sigurtà meħtieġa minn REACH |
| | Kun żgur li s-sustanza tintuża b'mod sigur skont informazzjoni fl-iskeda ta' data ta' sigurtà |

| | | |
|---|---|---|
| Hija sustanza ta' tħassib serju ħafna fuq il-Lista tal-Kandidati għal Awtorizzazzjoni? | Ikklassifika, ittikketta u agħmel imballaġġ skont CLP, avża lill-ECHA | |
| | Skeda ta' data ta' sigurtà meħtieġa minn REACH | |
| | Kun żgur li s-sustanza tintuża b'mod sigur skont informazzjoni fl-iskeda ta' data ta' sigurtà | |
| | Ikkomunika informazzjoni dwar l-użu sigur ta' oġġetti li jinkludu SVHCs lil dawk li jirċievuhom u lil konsumaturi meta jitolbuha | |
| | Avża jekk is-sustanza f'oġġett hijiex fornita f'aktar minn tunnellata metrika waħda kull sena f'konċentrazzjoni ta' aktar minn 0.1% piż b'piż, sakemm is-sustanza ma tkunx ġiet irreġistrata għal dak l-użu | |
| Is-sustanza hija fuq il-Lista ta' Awtorizzazzjoni? | Ikklassifika, ittikketta u agħmel imballaġġ skont CLP, avża lill-ECHA | |
| | Skeda ta' data ta' sigurtà meħtieġa minn REACH | |
| | Kun żgur li s-sustanza tintuża b'mod sigur skont informazzjoni fl-iskeda ta' data ta' sigurtà | |
| | Jeħtieġ li tkun kopert minn awtorizzazzjoni biex tuża s-sustanza jew biex tqiegħdha fis-suq wara d-data ta' "terminazzjoni" tagħha. | |
| | Jekk kumpanija tieħu deċiżjoni kummerċjali biex tapplika għal awtorizzazzjoni, hija meħtieġa analiżi ta' alternattivi iktar siguri. | Ir-rekwiżiti huma stabbiliti għal kull sustanza individwali u jista' jkun hemm diversi rekwiżiti għal prodott singolu. |
| Is-sustanza hija fuq il-Lista tar-Restrizzjonijiet? | Huma possibbli restrizzjoni ta' użijiet speċifiċi, limiti ta' konċentrazzjoni jew projbizzjoni totali. Kun żgur li tikkonforma mal-kondizzjonijiet ta' restrizzjoni | |

RIŻORSI ONLAJN BIEX TIDENTIFIKA U TIKKJARIFIKA OBBLIGI INDIVIDWALI

- Uża l-għodda tan-Navigatur tal-ECHA biex tidentifika l-obbligi individwali tiegħek għal kull sustanza speċifika u aċċessa direttament id-dokumenti ta' gwida rilevanti. In-navigazzjoni f'REACH hija possibbli fi 23 lingwa tal-UE:

» http://echa.europa.eu/support/guidance-on-reach-and-clp-implementation/identify-your-obligations

- Ikkontrolla kif sustanza hija rregolata taħt REACH u CLP (eż. jekk hijiex fuq il-Lista tal-Kandidati jew tal-Awtorizzazzjoni) billi tuża l-kaxxa "Fittex Sustanzi Kimiċi" fil-paġna prinċipali tal-ECHA:

» http://echa.europa.eu

- Sib tweġibiet għal mistoqsijiet frekwenti fis-sit web tal-ECHA jew fis-sit web tal-ħelpdesk nazzjonali tiegħek.

Il-links li wieħed għandu jsegwi:

» http://echa.europa.eu/support/qas-support/qas
» http://echa.europa.eu/support/helpdesks



L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti ta' REACH, CLP u l-BPR Tipprovdi informazzjoni, gwida u għodod tal-IT biex kumpaniji jippreparaw u jippreżentaw l-informazzjoni meħtieġa, u servizz ta' ħelpdesk biex isostnihom biex jikkonformaw mal-liġi. Informazzjoni prinċipali għal SMEs hija ppubblikata fi 23 lingwa fuq is-sit web tal-ECHA.

2.1.2 Il-każ tal-BPR

1. STADJU 1: IDENTIFIKA L-PRODOTT TIEGĦEK
Biex tidentifika l-prodott tiegħek għandek tirreferu għad-definizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni mogħtija fuq il-paġna 8-9 ta' din il-pubblikazzjoni.

| | |
|---|---|
| Il-prodott tiegħek huwa kopert mill-BPR? | Hija sustanza attiva? |
| | Huwa prodott bijoċidali? |
| | Hija oġġett trattat? |

2. stadju 2: Ikkontrolla jekk l-attività tiegħek hijiex koperta




Biex issib jekk il-BPR japplikax għan-negozju tiegħek, tista' tikkontrolla d-definizzjonijiet fl-Artikolu 3 tar-regolament:

**It-tqegħid fis-suq**: L-ewwel darba li prodott bijoċidali jew oġġett trattat jitqiegħed disponibbli fis-suq.

**It-tqegħid disponibbli** fis-suq: **Kull darba** li prodott bijoċidali jew oġġett trattat jiġi fornit għal distribuzzjoni jew użu matul attività kummerċjali, kemm jekk għal ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas.

**Użu: L-operazzjonijiet kollha**, inklużi l-ħżin, it-trattament, it-taħlit u l-applikazzjoni ta' prodott bijoċidali, minbarra operazzjonijiet bl-iskop tal-esportazzjoni tal-prodott bijoċidali jew tal-oġġett trattat barra l-Unjoni.

Fil-qosor, il-BPR japplika għal prodotti manifatturati għal jew forniti u/jew użati fis-suq taż-ŻEE.

Jekk inti timmanifattura prodotti bijoċidali biex jiġu esportati barra ż-ŻEE mintix marbut mir-rekwiżiti BPR. Ikkontrolla jekk tapplikax xi leġiżlazzjoni tal-UE jew nazzjonali oħra.

3. Stadju 3 – Identifika liema proċedura għandek issegwi

**APPROVAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA**

Inti tipproduċi jew tforni sustanza attiva?

| SUSTANZA ATTIVA EŻISTENTI | Iva | Kienet fis-suq fl-14 ta' Mejju 2000? | LE | SUSTANZA ATTIVA ĠDIDA |
|---|---|---|---|---|
| | | Ikkontrolla jekk is-sustanza attiva hijiex: | | |
| Jekk dan mhuwiex il-każ, tista' potenzjalment tapplika għal approvazzjoni. | | a) Fuq il-lista ta' sustanzi attivi approvati taħt it-tip ta' prodott rilevanti. | | Jekk dan mhuwiex il-każ, tista' tapplika għal approvazzjoni. |
| Il-prodotti bijoċidali bbażati fuq sustanzi fil-Programm ta' Rieżami jistgħu jiġu forniti għad-distribuzzjoni u l-użu fit-tip tal-prodott korrett soġġetti għal-liġi nazzjonali (jekk ikun il-każ), qabel deċiżjoni dwar l-approvazzjoni tagħhom. | | b) Inkluża fil-Programm ta' Rieżami taħt it-tip ta' prodott rilevanti.<br><br>Jekk dan ma jkunx il-każ, ikkontrolla jekk huwiex possibbli biex sustanza tkun inkluża fih. | | |
| Jekk dan mhuwiex il-każ, tista' tapplika biex il-lista tiġi emendata. | | c) Inkluża fil-lista għal sustanzi li ma jikkawżawx tħassib (Anness I). | | Jekk dan mhuwiex il-każ, tista' tapplika biex il-lista tiġi emendata. |

**Inti jew attur ieħor fil-katina tal-provvista tiegħek tinsabu inklużi fil-lista ta' sustanzi attivi u fornituri stabbilita taħt l-Artikolu 95 tal-BPR?**

Jekk il-fornitur tas-sustanza (eż. il-manifattur) jew il-fornitur tal-prodott (eż. il-manifattur tal-prodott jew il-formulatur) ta' katina tal-provvista għandhom jiġu inklużi fuq dik il-lista biex prodott bijoċidali jibqa' jkun magħmul disponibbli fis-suq taż-ŻEE wara l-1 ta' Settembru 2015.

**Wara l-approvazzjoni ta' sustanza attiva, hija meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-prodott.**

L-AWTORIZZAZZJONI TAL-PRODOTT

| | |
|---|---|
| Do you produce, use or supply a biocidal product? | Inti tipproduċi, tuża jew tforni prodott bijoċidali? |
| Country-by-country authorisation | Awtorizzazzjoni pajjiż b'pajjiż |
| EU-wide authorisation | Awtorizzazzjoni tul l-UE |
| Which procedure to use is a business choice based on your marketing strategy. Either you or the authorisation holder can apply for product authorisation. | Liema proċedura tuża hija deċiżjoni kummerċjali bbażata fuq l-istrateġija tas-suq tiegħek. Inti jew id-detentur tal-awtorizzazzjoni tistgħu tapplikaw għal awtorizzazzjoni tal-prodott. |
| To encourage biocidal products that are less harmful for public health and the environment to be used: | Sabiex jiġi nkoraġġit l-użu tal-prodotti bijoċidali li huma inqas ta' ħsara għas-saħħa pubblika u għall-ambjent: |
| There is a simplified procedure for products based on lower risk active substances included in Annex I to the BPR. | Teżisti proċedura simplifikata għal prodotti bbażati fuq sustanzi attivi b'riskju iktar baxx inklużi fl-Anness I għall-BPR. |
| It might be harder to obtain a product authorisation if an active substance contained in the product is a candidate for substitution. | Jista' jkun iktar diffiċli li tiksebawtorizzazzjoni għal prodott jekk sustanza attiva li tkun tinsab fil-prodott tkun kandidat għal sostituzzjoni. |
| **Articles can only be treated with biocidal products containing approved active substances** | **OĠĠETTI JISTGĦU JIĠU TRATTATI BISS BI PRODOTTI BIJOĊIDALI LI JINKLUDU SUSTANZI ATTIVI APPROVATI** |
| Do you supply a treated article? | Inti tforni oġġett trattat? |
| Make sure that the active substance used in the biocidal product is on the list of approved active substances or on Annex I | Kun żgur li s-sustanza attiva użata fil-prodott bijoċidali tkun fuq il-lista ta' sustanzi attivi approvati jew fl-Anness I. |
| If this is not the case, the treated article can still be supplied if the active substance is included in the Review Programme. | Jekk dan mhuwiex il-każ, l-oġġett trattat jista' xorta jiġi fornit jekk is-sustanza attiva tkun inkluża fil-Programm ta' Rieżami. |
| If the active substance is not in the Review Programme, there is a transitional period to submit an application for approval by 1 September 2016. | Jekk is-sustanza attiva ma tkunx fil-Programm ta' Rieżami, jeżisti perjodu tranżizzjonali biex tippreżenta applikazzjoni għal approvazzjoni sal-1 ta' Settembru 2016. |



## 2.2 KUN AF LI MINTIX WAĦDEK

**Għal fehim ġenerali u informazzjoni topika** dwar kif taħdem il-leġiżlazzjoni, żur is-sit web tal-ECHA. Ikkuntattja l-uffiċċju tal-ħelpdesk nazzjonali REACH, CLP, BPR u/jew il-Ħelpdesk tal-ECHA.

» http://echa.europa.eu/support/helpdesks/national-helpdesks/list-of- national-helpdesks

**Għal informazzjoni u sostenn speċifiċi għas-settur, għall-kondiviżjoni tal-esperjenza,** dur għall-assoċjazzjoni tal-industrija tiegħek. Fuq is-sit web tal-ECHA, tista' ssib lista ta' assoċjazzjonijiet Ewropej f'ħafna setturi, li jsegwu l-iżviluppi legali mill-qrib, jaħdmu mal-ECHA u jipprovdu sostenn prattiku għall-membri tagħhom. Xi wħud minnhom joperaw ukoll ħelpdesks speċifiċi għas-settur.

» http://echa.europa.eu/about-us/partners-and-networks/stakeholders/ accredited-stakeholder-organisations/support-by-echa-accredited- stakeholders

**Għal kwistjonijiet speċifiċi għas-settur** ikkuntattja lill-fornituri tiegħek u kumpaniji oħra fil-katina tal-provvista tiegħek. Waħda mill-miri tal-leġiżlazzjoni hija li ttejjeb din il-komunikazzjoni. L-implimentazzjoni tagħha tibni fuq interdipendenzi u tistimola l-kooperazzjoni fost atturi differenti.

**Għal informazzjoni dwar alternattivi iktar siguri u aċċess għal finanzjament tal-UE għal sostituzzjoni**, tista' tikkuntattja lin-Netwerk Ewropew tal-Impriżi f'pajjiżek jew fir-reġjun tiegħek. Dawn joperaw bażi ta' data ta' teknoloġiji u tfittxijiet ta' teknoloġija tul iktar minn 50 pajjiż fl-Ewropa u lil hinn.

» http://een.ec.europa.eu

## 2.3 MEZZI BIEX TNAQQAS L-IŻPEJJEŻ TIEGĦEK

**REACH u l-BPR, u f'xi każijiet CLP ukoll, jeħtieġu li jsiru ħlasijiet u pagamanti lill-ECHA - iktar ma tkun żgħira l-kumpanija, iktar ma jkunu baxxi l-ħlasijiet u l-pagamenti.**

Tista' tibbenefika minn ħlasijiet u pagamenti iktar baxxi biss jekk inti impriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju skont il-liġi tal-UE: Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE: Il-fatturi prinċipali li jiddeterminaw jekk intix SME huma l-indiċi ta' livell massimu tal-persunal u wieħed mil-limiti finanzjarji (jew it-tnejn) fit-tabella li ġejja:

| Kategorija tal-intrapriża | Għadd ta' impjegati | Rikavat | jew Total tat-tabella tal-bilanċ |
|---|---|---|---|
| daqs medju | ≤ 250 | ≤ 50 miljun euro | ≤ 43 miljun euro |
| żgħira | ≤ 50 | ≤ 10 miljun euro | ≤ 10 miljun euro |
| mikro | ≤ 10 | ≤ 2 miljun euro | ≤ 2 miljun euro |

Dawn il-livelli massimi japplikaw għaċ-ċifri għal impriżi individwali biss.

Kumpanija li tkun parti minn raggruppament ikbar tista' tkun teħtieġ ukoll li tinkludi data dwar l-impjegati/ir-rikavat/il-karta tal-bilanċ minn dak ir-raggruppament.

Is-sit web tal-ECHA jagħti ħames stadji ċari u kalkolatur onlajn biex jgħin lil kumpaniji jiddeterminaw il-kategorija tad-daqs tal-kumpanija tagħhom:

»http://echa.europa.eu/support/small-and-medium-sized-enterprises- smes/how-to-determine-the-company-size-category

Billi ssegwi dawn l-istadji tista' tiskopri jekk tikkwalifikax għall-ħlasijiet imnaqqsa u tevitax ħlasijiet amministrattivi jekk tiddikjara ħażin id-daqs tal-kumpanija tiegħek.

Spejjeż oħrajn ħafna drabi jeċċedu l-ħlasijiet. Dan ikun jiddependi mill-obbligi tiegħek, il-ħtieġa li tiġġenera jew tixtri d-data, l-għażla li tuża konsulenti u l-ħtieġa/ d-deċiżjoni li ssib alternattivi iktar siguri minflok sustanzi kimiċi perikolużi.

TISTA' TNAQQAS l-ISPEJJEŻ TIEGĦEK LI TIKKONFORMA SKONT IL-LIĠI BILLI

o **Tagħmel l-aħjar użu mis-sostenn mingħajr ħlas ipprovdut mill-ħelpdesk nazzjonali tiegħek, minn assoċjazzjonijiet tal-industrija u mill-ECHA.**

Dan jista' jgħinek tifhem id-dmirijiet tiegħek, tidentifika l-għodod u r-riżorsi li huma pprovduti mingħajr ħlas u rilevanti għal sustanza jew settur speċifiku.

Fl-anness III tista' ssib informazzjoni u servizzi utli onlajn li jitrattaw l-SMEs.

o **Il-parteċipazzjoni fil-jiem annwali tal-partijiet ikkonċernati tal-ECHA**

L-avvenimenti tal-ECHA huma mingħajr ħlas u jipprovdu opportunità biex ikollok konsultazzjonijiet wiċċ imb'wiċċ mal-persunal tal-ECHA dwar aspetti u proċessi prattiċi tal-leġiżlazzjoni. Il-parteċipazzjoni onlajn hija possibbli wkoll u reġistrazzjonijiet bil-vidjow huma ppubblikati fis-sit web tal-ECHA:

»http://echa.europa.eu/news-and-events/events/

o **Kif tagħżel b'attenzjoni lill-konsulent privat tiegħek**

Biex tkun tista' tevita spejjeż mhux neċessarji, assoċjazzjonijiet tal-industrija li jaħdmu mal-ECHA ippreparaw lista' ta' kontroll biex tagħżel konsulent tajjeb għall-konformità ma' REACH. Hija disponibbli fi 23 lingwa tal-UE:

»http://echa.europa.eu/about-us/partners-and-networks/directors- contact-group



## 2.4 MINN OBBLIGI LEGALI GĦAL OPPORTUNITAJIET KUMMERĊJALI

**Taf bl-inċentivi legali favur l-aħdar?**

REACH, CLP u l-BPR jippromwovu s-sostituzzjoni tas-sustanzi kimiċi l-iktar perikolużi bid-disinn tagħhom. Huma wkoll dispożizzjonijiet diretti li jsostnu r-riċerka u l-innovazzjoni fis-sustanzi kimiċi:

RIĊERKA U ŻVILUPP

Sustanzi użati għal **riċerka u żvilupp xjentifiku** huma eżentati minn dispożizzjonijiet ta' reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjoni REACH. Jeżistu rekwiżiti mnaqqsa tal-ittikkettar għall-imballaġġ fuq ġewwa ta' sustanzi u taħlitiet f'inqas minn 10 ml taħt CLP.

Sustanzi użati għal **riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi**, bħall-iżvilupp u l-ittestjar ta' proċess ġdid meta tinbidel il-materja prima, jew l-ittestjar ta' applikazzjonijiet ġodda għal sustanza, huma eżentati mir-reġistrazzjoni REACH għal ħames snin. Huwa minflok meħtieġ avviż.

Biex iħeġġeġ ir-riċerka u l-iżvilupp f'sustanzi attivi u prodotti bijoċidali, il-BPR jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi għal esperimenti u testijiet li jinvolvu prodott bijoċidali mhux awtorizzat jew sustanza attiva mhux approvata (Artikolu 56 tal-BPR). Barra minn hekk tista' toħroġ awtorizzazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni provviżorja sa tliet snin għal prodotti bijoċidali li jinkludu sustanzi attivi ġodda meta jiġu sodisfatti ċerti kondizzjonijiet (Artikolu 55(2) tal-BPR). Perjodi itwal għall-protezzjoni tad-data (minn 10 sa 15-il sena) jingħataw lil sustanzi attivi ġodda ( u l-prodotti tagħhom) bħala inċentiv biex jiġu żviluppati prodotti ġodda u iktar siguri.

ALTERNATTIVI IKTAR SIGURI

Id-disponibbiltà ta' **alternattivi addattati** hija kkunsidrata fid-deċiżjonijiet dwar awtorizzazzjonijiet u restrizzjonijiet REACH. Pereżempju, il-kumpaniji kollha li japplikaw għal awtorizzazzjonijiet REACH għandhom janalizzaw id-disponibbiltà ta' alternattivi u jikkunsidraw ir-riskji tagħhom, u l-fattibbiltà teknika u ekonomika tas-sostituzzjoni.

Prodotti bijoċidali li jinkludu sustanza attiva li hija kandidat għas-sostituzzjoni, pereżempju, karċinoġena, tossika għar-riproduzzjoni jew għall-ambjent, issirilhom valutazzjoni komparattiva qabel l-awtorizzazzjoni. Dan isir biex wieħed jiskopri jekk jeżistux alternattivi iktar siguri fis-suq. F'każ li alternattivi iktar siguri huma disponibbli u huma effettivi, l-użu tal-prodott bijoċidali jista' jkun ipprojbit jew ristrett.

FINANZJAMENT

**Ikkontrolla jekk tistax tapplika għal finanzjament tal-UE jew nazzjonali**

L-implimentazzjoni REACH u CLP u d-dispożizzjonijiet tal-BPR joħolqu domanda għal alternattivi u teknoloġiji iktar siguri biex jissostitwixxu s-sustanzi kimiċi l-iktar perikolużi llum fis-suq tal-UE. Dawn is-sustanzi huma identifikati fuq bażi kontinwa bħala kandidati għal sostituzzjoni taħt il-BPR u huma inklużi fil-Lista tal-Kandidati, fil-Lista tal-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni REACH li jistgħu jintużaw bħala referenza meta jkunu meħtieġa iktar riċerka u innovazzjoni.

L-Anness IV jispjega xi opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE

KONSULTAZZJONIJIET PUBBLIĊI

**Involvi ruħek - ipprovdi u ppromwovi alternattivi u soluzzjonijiet ta' teknoloġija iktar siguri**

Il-konsultazzjonijiet pubbliċi tal-ECHA dwar l-awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet REACH u dwar il-bijoċidi li huma kandidati għal sostituzzjoni jfittxu informazzjoni dwar alternattivi iktar siguri. Kumpaniji innovattivi għandhom jieħdu vantaġġ minn dawn l-opportunitajiet biex jipprovdu informazzjoni dwar is-soluzzjonijiet alternattivi tagħhom jekk dawn ikunu rilevanti għall-każ li jkun qiegħed jiġi kkonsultat.

Informazzjoni dwar alternattiva ġdida jew li ma tkunx magħrufa ħafna, li tidher li tkun partikolarment addattata għal xi użu, tkun tal-ogħla interess għall-ECHA u għall-kumpaniji kkonċernati. Barra minn hekk, l-Aġenzija qiegħda tibni servizz ta' sħab li jista' jintuża minn kumpaniji biex jinfurmaw lil oħrajn b'alternattiva jew biex ifittxu alternattivi bħal dawn. Inizjattivi oħrajn bħall-Portal għas-Sostenn tas-Sostituzzjoni jimmiraw ukoll li jippromwovu soluzzjonijiet alternattivi.

**Għal aktar informazzjoni**

Konsultazzjonijiet pubbliċi tal-ECHA dwar l-indirizzar ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib taħt REACH, CLP, u l-kandidati għal sostituzzjoni taħt il-BPR:

» http://echa.europa.eu/addressing-chemicals-of-concern

Ħarsa ġenerali lejn il-konsultazzjonijiet pubbliċi għal awtorizzazzjoni REACH:

» http://echa.europa.eu/fr/addressing-chemicals-of-concern/authorisation/public-consultation-in-the-authorisation-process

Is-Servizz ta' Sħab tal-ECHA dwar l-awtorizzazzjoni REACH:

» http://echa.europa.eu/applying-for-authorisation/partners-service-for-applicants

Il-Portal ta' Sostenn għas-Sostituzzjoni:

» http://www.subsport.eu/

# Annessi

## ANNESS I
## PITTOGRAMMI CLP ĠODDA
## LIEMA PITTOGRAMMI FUQ LIEMA PRODOTTI

PERIKOLU GĦAS-SAĦĦA/PERIKOLUŻ GĦAS-SAFF
TAL-OŻONU

| | |
|---|---|
| KORRUŻIV  | Eżempji ta' fejn tista' ssibha:<br>Soluzzjonijiet għat-tindif tas-sentina, aċidu aċetiku, aċidu idrokloriku, ammonja<br>Simboli li ser jinqatgħu<br>  |
| GASS TAĦT PRESSJONI  | Eżempji ta' fejn tista' ssibha:<br>Kontenituri tal-gass<br>Simbolu li ser jinqata':<br>Ma jeżisti ebda simbolu għal din il-pittogramma ta' perikolu |
| PERIKOLU GĦAS-SAĦĦA/PERIKOLUŻ GĦAS-SAFFTAL-OŻONU  | Eżempji ta' fejn tista' ssibha:<br>Deterġenti għall-ħasil, soluzzjonijiet għat-tindif tat-tojlit, fluwidi biex ikessħu<br>Simbolu li ser jinqata':<br> |
| SPLUSSIV  | Eżempji ta' fejn tista' ssibha:<br>Logħob tan-nar, ammunizzjoni<br>Simbolu li ser jinqata':<br> |

| | |
|---|---|
| JAQBAD<br> | Eżempji ta' fejn tista' ssibha:<br>Żejt għal-lampi, petrol, soluzzjoni biex tneħħi ż-żebgħa mid-dwiefer<br>Simbolu li ser jinqata':<br> |
| PERIKOLUŻ GĦALL-AMBJENT<br> | Eżempji ta' fejn tista' ssibha:<br>Pestiċidi, bijoċidi, petrol, trementina<br>Simbolu li ser jinqata':<br> |
| OSSIDANTI<br> | Eżempji ta' fejn tista' ssibha:<br>Bliċ, ossiġenu għal skopijiet mediċi<br>Simbolu li ser jinqata':<br> |
| PERIKOLU SERJU GĦAS-SAĦĦA<br> | Eżempji ta' fejn tista' ssibha:<br>Trementina, petrol, żejt għal-lampi<br>Simbolu li ser jinqata':<br> |
| TOSSIĊITÀ AKUTA:<br> | Eżempji ta' fejn tista' ssibha:<br>Pestiċidi, bijoċidi, metanol<br>Simbolu li ser jinqata':<br>  |

Sors:
» http://echa.europa.eu/chemicals-in-our-life/clp-pictograms

## ANNESS II
## TIPI TA' PRODOTTI BIJOĊIDALI

Fl-Anness V għall-BPR il-prodotti bijoċidali huma kklassifikati fi 22 tip ta' prodotti bijoċidali, imqassma f'erba' taqsimiet ewlenin.

| Numru | Tip ta' prodott | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| Grupp prinċipali 1: Diżinfettanti<br>Dawn it-tipi ta' prodotti jeskludu prodotti ta' tindif li mhumiex maħsuba li jkollhom effett bijoċidali, inkluż is-sapun likwidu u t-trab tal-ħasil u prodotti simili. | | |
| Tip ta' prodott 1 | Iġjene tal-bniedem | Il-prodotti f'dan il-grupp huma prodotti bijoċidali użati għall-finijiet ta' iġjene tal-bniedem, applikati fuq il-ġilda jew f'kuntatt magħha jew inkella fuq il-ġilda tar-ras tal-bniedem bil-għan prinċipali li jiddiżinfettaw il-ġilda jew il-ġilda tar-ras. |
| Tip ta' prodott 2 | Diżinfettanti u alkaċidi li mhumiex maħsuba għall-użu dirett fuq il-bnedmin jew l-annimali | Użati sabiex jiddiżinfettaw superfiċji, materjali, tagħmir u għamara li ma jintużawx għal kuntatt dirett ma' ikel jew għalf. Postijiet fejn jintużaw jinkludu, inter alia, pixxini, akkwarji, ilma fejn isir l-għawm u ilmijiet oħra; sistemi ta' arja kondizzjonata; ħitan u artijiet f'żoni privati, pubbliċi u industrijali u f'żoni oħra għal attivitajiet professjonali.<br>Użati sabiex jiddiżinfettaw l-arja, ilma li ma jintużax għall-konsum mill-bnedmin jew mill-annimali, tojlits kimiċi, ilma maħmuġ, skart tal-isptarijiet u ħamrija.<br>Użati bħala alkaċidi għat-trattament ta' pixxini, akkwarji u ilmijiet oħra u għat-trattament rimedjali ta' materjali oħra tal-bini.<br>Użati sabiex jiġu inkorporati f'tessili, tessuti, maskri, żebgħa u oġġetti jew materjali oħra bil-għan li jiġu prodotti oġġetti trattati b'karatteristiċi diżinfettanti. |

| Numru | Tip ta' prodott | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| Tip ta' prodott 3 | Iġjene veterinarja | Użati għall-finijiet ta' iġjene veterinarja bħal diżinfettanti, sapun diżinfettant, prodotti tal-iġjene tal-ħalq jew tal-persuna jew b'funzjoni antimikrobika. Użati sabiex jiddiżinfettaw il-materjali u s-superfiċji assoċjati mal-akkomodazzjoni jew mat-trasport tal-annimali. |
| Tip ta' prodott 4 | Żoni tal-ikel u tal-għalf | Użati sabiex jiddiżinfettaw tagħmir, kontenituri, oġġetti tat-tisjir, superfiċji jew sistemi tal-pajpijiet assoċjati mal-produzzjoni, it-trasport, il-ħżin jew il-konsum tal-ikel jew l-għalf (inkluż l-ilma tax-xorb) għall-bnedmin u għall-annimali. Użati sabiex jinxtorbu f'materjali li jistgħu jiġu f'kuntatt mal-ikel. |
| Tip ta' prodott 5 | Ilma tax-xorb | Użati sabiex jiddiżinfettaw l-ilma tax-xorb, kemm għall-bnedmin kif ukoll għall-annimali. |
| Grupp prinċipali 2: Preżervattivi<br>Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, dawn it-tipi ta' prodotti jinkludu biss prodotti li jipprevjenu l-iżvilupp ta' mikrobi u ta' alka. | | |
| Tip ta' prodott 6 | Preżervattivi għal prodotti matul il-ħżin | Użati għall-preżervazzjoni ta' prodotti ffabbrikati, li mhumiex oġġetti tal-ikel, għalf, kożmetiċi jew prodotti mediċinali jew tagħmir mediku permezz tal-kontroll tad-deterjorament mikrobiku sabiex jiġi żgurat il-perjodu ta' konservazzjoni tagħhom. Użati bħala preżervattivi għall-ħżin jew għall-użu ta' lixki rodentiċidi, insettiċidi jew lixki oħra. |
| Tip ta' prodott 7 | Preżervattivi għall-pellikoli | Użati għall-preservazzjoni ta' pellikoli jew kisi permezz tal-kontroll tad-deterjorament mikrobiku jew l-iżvilupp tal-alka għall-protezzjoni tal-proprjetajiet inizjali tas-superfiċju ta' materjali jew oġġetti bħal żebgħat, plastik, siġillanti, adeżivi tal-ħajt, legaturi, karti, xogħlijiet tal-arti. |

| Numru | Tip ta' prodott | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| Tip ta' prodott 8 | Preżervattivi għall-injam | Użati għall-preżervazzjoni tal-injam, li jibda minn u jinkludi l-istadju tal-fabbrika tas-serrar, jew prodotti tal-injam permezz tal-kontroll ta' organiżmi li jeqirdu l-injam jew li jisfigurawh, inklużi insetti. Dan it-tip ta' prodott jinkludi kemm il-prodotti preventivi kif ukoll dawk kurattivi. |
| Tip ta' prodott 9 | Preżervattivi għal fibra, ġilda, gomma u materjali polimerizzati | Użati għall-preżervazzjoni ta' materjali fibrużi jew polimerizzati, bħal prodotti tal-ġilda, tal-gomma jew tal-karta jew prodotti tessili permezz tal-kontroll tad-deterjorament mikrobijoloġiku.<br>Dan it-tip ta' prodott jinkludi prodotti bijoċidali li jevitaw li l-mikroorganiżmi joqogħdu fuq wiċċ il-materjali u għalhekk ixekklu jew jimpedixxu l-iżvilupp ta' tirjiħ u/jew joffru tipi oħra ta' benefiċċji. |
| Tip ta' prodott 10 | Preżervattivi għal materjal tal-bini | Użati għall-preżervazzjoni tal-ġebla, materjali mħallta, jew materjali oħra tal-bini li mhumiex injam permezz tal-kontroll ta' attakki mikrobijoloġiċi u tal-alka. |
| Tip ta' prodott 11 | Preżervattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi | Użati għall-preżervazzjoni tal-ilma jew likwidi oħra użati fis-sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar permezz tal-kontroll ta' organiżmi dannużi bħal mikrobi, alka u molluski.<br>Prodotti użati biex jiddiżinfettaw l-ilma tax-xorb jew l-ilma għall-pixxini mhumiex inklużi f'dan it-tip ta' prodott. |
| Tip ta' prodott 12 | Slimiċidi | Użati għall-preżervazzjoni jew għall-kontroll tal-iżvilupp tal-lgħab fuq materjali, tagħmir u strutturi, użati fil-proċessi industrijali, eż. fuq l-injam u l-polpa tal-karta, is-saffi tar-ramel poruż fl-estrazzjoni taż-żejt. |
| Tip ta' prodott 13 | Preżervattivi għal fluwidi użati għall-ħdim jew qtugħ | Prodotti li jikkontrollaw id-deterjorament mikrobiku fi fluwidi użati għall-ħdim jew għall-qtugħ ta' metall, ħġieġ jew ta' materjali oħra. |
| Grupp prinċipali 3: Kontroll tal-infestazzjonijiet | | |
| Tip ta' prodott 14 | Rodentiċidi | Użati għall-kontroll ta' ġrieden, farijiet jew annimali gerriema oħra, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jżommuhom 'il bogħod jew jattirawhom. |

| Numru | Tip ta' prodott | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| Tip ta' prodott 15 | Aviċidi | Użati għall-kontroll ta' għasafar, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jżommuhom 'il bogħod jew jattirawhom. |
| Tip ta' prodott 16 | Molluskiċidi, vermiċidi u prodotti għall-kontroll ta' invertebrati oħrajn | Użati għall-kontroll ta' molluski, dud u invertebrati mhux koperti minn tipi oħra ta' prodotti, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jżommuhom 'il bogħod jew jattirawhom. |
| Tip ta' prodott 17 | Pixxiċidi | Użati għall-kontroll ta' ħut, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jżommuhom 'il bogħod jew jattirawhom. |
| Tip ta' prodott 18 | Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra | Użati għall-kontroll ta' artropodi (eż. insetti, araknidi u krustaċji), b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jżommuhom 'il bogħod jew jattirawhom. |
| Tip ta' prodott 19 | Sustanzi li jżommu 'l bogħod (repellents) u dawk li jattiraw (attractants) | Użati għall-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara (invertebrati bħal briegħed, vertebrati bħal għasafar, ħut, annimali gerriema), billi jżommu 'l bogħod jew jattiraw, inklużi dawk li jintużaw għall-iġjene tal-bniedem jew dik veterinarja direttament fuq il-ġilda jew indirettament fl-ambjent tal-bnedmin jew tal-annimali. |
| Tip ta' prodott 20 | Kontroll ta' vertebrati oħra | Użati għall-kontroll ta' vertebrati li mhumiex diġà koperti mit-tipi ta' prodotti l-oħra ta' dan il-grupp prinċipali, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jżommuhom 'il bogħod jew jattirawhom. |
| Grupp prinċipali 4: Prodotti bijoċidali oħra | | |
| Tip ta' prodott 21 | Prodotti għall-kontra l-iżvilupp tal-ħaxix tal-ilma (antifouling) | Użati għall-kontroll tal-iżvilupp u l-kolonizzazzjoni ta' organiżmi li jniġġsu (mikrobi u forom aktar għoljin ta' speċijiet tal-pjanti jew tal-annimali) fuq bastimenti, tagħmir tal-akkwakoltura jew strutturi oħra użati fl-ilma. |
| Tip ta' prodott 22 | Fluwidi għall-ibbalzmar u dawk użati mit-tassidermisti | Użati sabiex jiddiżinfettaw u jippreżervaw il-katavri tal-bnedmin jew tal-annimali, jew ta' partijiet minnhom. |

## ANNESS III
## RIŻORSI UTLI GĦAL SMEs

**FI 23 LINGWA TAL UE JEW MULTILINGWI**

Din il-lista mhijiex eżawrjenti u dejjem qiegħda tevolvi

Navigatur biex jidentifika r-rwoli u r-rekwiżiti tal-kumpaniji taħt REACH u CLP.

»http://echa.europa.eu/identify-your-obligations

ECHA-term – biex il-lingwa ta' REACH, CLP u l-BPR tkun spjegata

»http://echa.cdt.europa.eu/

Gwida fil-Qosor

»http://echa.europa.eu/support/guidance-on-reach-and-clp-implementation/guidance-in-a-nutshell

Taqsima web SME tal-ECHA
» http://echa.europa.eu/sme

Servizz ta' reġistrazzjoni REACH tal-2018

» http://echa.europa.eu/reach-2018

Fuljetti

Is-Sigurtà Kimika u n-Negozju Tiegħek

Il-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar ta' Sustanzi Kimiċi - gwida fil-qosor Daqqa t'għajn lejn is-Servizzi tal-ECHA

» http://echa.europa.eu/publications/leaflets

Lista ta' kontroll biex taħtar konsulent tajjeb għal REACH

»http://echa.europa.eu/about-us/partners-and-networks/directors-contact-group

Paġni web tal-ECHA dwar il-klassifikazzjoni ta' taħlitiet

» http://echa.europa.eu/support/mixture-classifiication

Paġni web tal-ECHA dwar l-użu ta' sustanzi kimiċi fuq ix-xogħol b'mod sigur

» http://echa.europa.eu/use-chemicals-safely-at-work

Serje Napo tal-UE-OSHA dwar is-Sigurtà bi Tbissima

»http://www.napofilm.net

Il-Portal ta' Sostenn għas-Sostituzzjoni:

»http://subsport.eu

Għal aktar informazzjoni u riżorsi utli bil-lingwa tiegħek, ikkontrolla s-sit web tal-ħelpdesk nazzjonali REACH, CLP u/jew BPR tiegħek.

»http://echa.europa.eu/support/helpdesks/national-helpdesks/list-of-national-helpdesks

BL INGLIŻ

Tista' tibbrawżja fil-mistoqsijiet frekwenti dwar REACH, CLP u l-BPR jew skont is-suġġett jew tiftix fis-sit web tal-ECHA

» http://echa.europa.eu/support/qas-support/qas

Artikoli dwar "Kif" fil-bullettin tal-ECHA, li jitrattaw l-SMEs

» http://newsletter.echa.europa.eu

Eżempji prattiċi u gwidi prattiċi li jiffukaw fuq aspetti speċifiċi tal-leġiżlazzjoni

» http://echa.europa.eu/publications

Gwida elettronika tal-ECHA dwar Skedi ta' Data ta' Sigurtà u Xenarji tal-Esponiment

» http://view.pagetiger.com/ECHAeGuide1-1/Issue1

Gwida dwar Riċerka u Żvilupp Xjentifiku u dwar Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn Prodotti u Proċessi tal-ECHA

» http://echa.europa.eu/support/guidance

Webinars topiċi

» http://echa.europa.eu/support/training-material/webinars

Skedi ta' informazzjoni topiċi

REACH - Il-Produzzjoni, l-Importazzjoni u l-Forniment ta' Oġġetti b'Sigurtà f'Tindif b'Kuntratt

Informazzjoni għal Bejjiegħa bl-Imut dwar l-Ittikkettar dwar Perikolu u l-Ittikkettar fuq l-Imballaġġ u Rekwiżiti tal-imballaġġ għal Deterġenti u Deterġenti Bijoċidali

» http://www.hsa.ie/eng/Publications_and_Forms/Publications

Abbona għall-aħbarijiet tal-ECHA biex iżżomm ruħek aġġornat b'informazzjoni u materjal ġodda li jistgħu jkunu utli għalik u għall-kumpaniji klijenti tiegħek.
http://echa.europa.eu/subscribe

## ANNESS IV
## IKKONTROLLA L-FINANZJAMENT MILL-UE U NAZZJONALI

Taħt ċerti kondizzjonijiet tista' tkun eliġibbli għal sostenn tal-UE jew nazzjonali. Tista' tesplora żewġ possibbiltajiet:

o Self u garanziji addattati skont il-ħtiġiet ta' SMEs

Istituzzjonijiet finanzjarji lokali f'pajjiżek jista' jkollhom is-sostenn ta' COSME, il-programm speċifiku tal-UE biex jgħin il-kompetittività ta' SMEs. Dan ifisser finanzjament addizzjonali u kondizzjonijiet iktar favorevoli. L-ammont, id-durata, ir-rati tal-imgħaxx u l-ħlasijiet huma determinati minn kull istituzzjoni lokali.

Il-Programm tal-UE COSME għal SMEs

Tista' tuża l-portal singolu tal-UE għal aċċess għall-finanzi biex issib jekk teżistix istituzzjoni f'pajjiżek li tista' tgħin:

» http://europa.eu/youreurope/business/funding-grants/access-to-finance/index_en.htm

Fondi Strutturali tal-Unjoni Ewropea

Il-Fondi Strutturali tal-UE jiffinanzjaw ukoll SMEs f'oqsma identifikati bħala prijorità mill-awtoritajiet nazzjonali. Tista' ssir taf iktar mill-punti ta' kuntatt identifikati fil-pajjiż tiegħek.

» http://ec.europa.eu/regional_policy/en/atlas/

Eżempju: Fondi mill-Fond Soċjali Ewropew (FSF) u mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jgħinu biex inaqqsu l-ispejjeż għal SMEs għal servizzi ta' konsulenza relatati mal-protezzjoni ambjentali u għas-sigurtà fuq ix-xogħol.

» http://www.beratungsfoerderung.net

o Għotjiet għas-sostituzzjoni u l-innovazzjoni mill-UE u/jew baġits nazzjonali

Eżempju: Il-proġett Samdokan

» http://www.samdokanproject.eu/

Finanzjament tal-Unjoni Ewropea Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

L-istrument SME taħt il-programm ta' riċerka u żvilupp tal-UE Orizzont 2020 jipprovdi kofinanzjament u istruzzjoni għal SMEs innovattivi.

» http://ec.europa.eu/easme/sme_en.htm

Il-Programm Eurostar għal riċerka dwar SMEs għandu s-sostenn tal-finanzjament nazzjonali u tal-UE.

» https://www.eurostars-eureka.eu/

Programmi nazzjonali dedikati għall-ekoinnovazzjoni.

» http://eng.ecoinnovation.dk/

Il-Programm LIFE tal-UE għal azzjoni favur l-ambjent u l-klima jista' jiffinanzja proġetti għall-użu iktar sigur u iktar sostenibbli ta' sustanzi kimiċi u s-sostituzzjoni ta' dawk tossiċi b'alternattivi iktar siguri jew soluzzjonijiet li mhumiex kimiċi. Informazzjoni, komunikazzjoni, attivitajiet ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni u azzjonijiet ta' sostenn għal kumpaniji jistgħu ukoll jingħtaw fondi minn LIFE.

Sir af aktar hawnhekk:

» http://ec.europa.eu/environment/life/

Jeżistu punti ta' kuntatt nazzjonali f'pajjiżek għal kull wieħed minn dawn il-programmi, biex jipprovdu informazzjoni prattika dwar kif għandek tapplika.

Jista' jkun hemm sostenn b'fondi mill-UE li jgħinek tissodisfa d-dmirijiet tiegħek jew fis-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi b'oħrajn iktar siguri. Netwerk Ewropew ta' Kuntatt tal-Intrapriżi Dawn joperaw bażi ta' data ta' offerti u tfittxijiet ta' teknoloġija f'iktar minn 50 pajjiż.

» http://een.ec.europa.eu

Eżempju: Il-Portal ta’ Sostituzzjoni

» http://subsport.eu

# Rikonoxximenti

Din il-gwida ġiet żviluppata f'kooperazzjoni bejn l-ECHA, in-Netwerk Ewropew tal-Impriżi u l-ħelpdesks nazzjonali li ġejjin għal REACH, CLP u l-BPR:

**Id-Danimarka**

Sidsel Dyekjær

Il-Ħelpdesk nazzjonali REACH u CLP, l-Aġenzija Daniża għall-Protezzjoni tal-Ambjent

**Il-Ġermanja**

Suzanne Wiandt

Kap tal-Unità tal-Ħelpdesk Ġermaniż REACH-CLP-Bijoċidi, l-istitut Federali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq ix-Xogħol (BAuA), l-Uffiċċju Federali għas-Sustanzi Kimiċi

**L-Irlanda**

Caroline Walsh

Il-Ħelpdesk nazzjonali REACH u CLP, l-Awtorità Irlandiża għas-Saħħa u s-Sigurtà

**L-Italja**

Francesca Giannotti

Il-Ħelpdesk Nazzjonali REACH, il-Ministeru tal-Iżvilupp Ekonomiku

**Il-Polonja**

Monika Wasiak-Gromek

PhD, Kap tal-Ħelpdesk Pollakk REACH & CLP, Bureau għas-Sustanzi Kimiċi

Ħelpdesks nazzjonali stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti f'kull wieħed mit-28 Stat Membru tal-UE u t-tliet pajjiżi taż-ŻEE jagħtu pariri dwar id-dispożizzjonijiet tal-BPR, CLP u REACH. Huma wkoll parti min-netwerk, magħruf bħala HelpNet u magħmul mill-ECHA u mill-ħelpdesks nazzjonali BPR, CLP, u REACH. Wieħed mill-objettivi prinċipali tiegħu hu li jippromwovi l-armonizzazzjoni tal-konsulenza mogħtija lil kumpaniji, li tkopri r-responsabbiltajiet tagħhom taħt kull wieħed mit-tliet regolamenti.

Sib il-ħelpdesk nazzjonali tiegħek f'

» http://echa.europa.eu/support/helpdesks/

SĦAB TAN-NETWERK EWROPEW TAL-IMPRIŻI INVOLUTI FIL-PROĠETT

**Ikkontribwixxew għall-abbozz:**

Clio Brivois-Poupard
Konsulent Legali Ewropew, Netwerk Ewropew tal-Impriżi, CCI Alsace, Franza

Maria El Jaoudi
Konsulent *Legali Ewropew*, Netwerk Ewropew tal-Impriżi fix-Xlokk ta' Franza, CCI Poitou-Charentes, Franza

Mathieu Bometon
Konsulent *Legali Ewropew*, Netwerk Ewropew tal-Impriżi, CCI International Nord de France, Lille

**Konsulenza dwar il-kunċett, l-ambitu u l-utilità tal-gwida:**

Cliona Howie del Río
Ġestitur *Ewropew* tal-Proġett u Konsulent Ambjentali, Cámara de Comercio de Cantabria, Spanja; President Netwerk Ewropew tal-Impriżi, Grupp tas-Settur Ambjentali

Lucia Gigante, Mara Tumiati, Maria Cristina Boeri
*InnovHub* SCI, Camera di Commercio di Milano, Italja

Lodovica Reale
*Eurosportello* – Unioncamere del Veneto, Italja

Maija Karkas
Assistent Direttur, Kamra tal-Kummerċ tar-Reġjun ta' Ħelsinki, Finlandja

Metodi Naydenov
Fond għar-Riċerka Applikata u l-Komunikazzjonijiet/ ARC Consulting ltd, Bulgarija

Stanislava Trifonova
Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija Vratsa, Bulgarija

## IN-NETWERK EWROPEW TAL-IMPRIŻI

In-Netwerk Ewropew tal-Impriżi huwa strument ewlieni fl-istrateġija tal-UE biex tkattar it-tkabbir u l-impiegi. Waqt li nġibu flimkien madwar 600 organizzazzjoni ta' sostenn kummerċjali minn aktar minn 50 pajjiż, ngħinu lil kumpaniji żgħar jaħtfu opportunitajiet kummerċjali straordinarji fis-Suq Uniku tal-UE.

L-organizzazzjonijiet membri tagħna jinkludu kmamar tal-kummerċ u industrija, ċentri tat-teknoloġija, istituti tar-riċerka u aġenziji tal-iżvilupp. Il-biċċa l-kbira minnhom ilhom isostnu n-negozji lokali għal żmien twil. Jafu s-saħħiet u l-ħtiġijiet tal-klijenti tagħhom - u jafu lill-Ewropa.

Bħala membri tan-Netwerk Ewropew tal-Impriżi huma marbuta permezz ta' bażijiet ta' data b'saħħithom, u jikkondividu l-għarfien tagħhom u jfornu teknoloġiji u sħab kummerċjali tul il-pajjiżi kollha tan-Netwerk. Huma wkoll marbuta mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea, li tippermettilhom iżommu ruħhom aġġornati mal-politiki tal-UE u jgħaddu l-fehmiet tal-kumpaniji żgħar dwarhom lura fi Brussell.

## SERVIZZI MAĦSUBA GĦAL KUMPANIJI ŻGĦAR

Is-sostenn ta' negozji żgħar huwa element prinċipali tal-interess primarju tal-UE għat-tkabbir u l-impiegi. Minħabba li 99% tal-kumpaniji kollha tal-UE huma impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li jiffurmaw 67% tal-impiegi, dak li hu tajjeb għal SMEs huwa tajjeb għall-ekonomija tal-Ewropa.

Aħna kofinanzjati permezz ta' COSME - il-programm tal-UE għall-Kompetittività ta' Impriżi u Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs) li joperaw mill-2014 sal-2020. Is-servizzi tagħna huma maħsuba għal SMEs iżda huma disponibbli wkoll għan-negozji l-oħrajn kollha, universitajiet u ċentri tar-riċerka.

## BAŻIJIET SODI

In-netwerk Ewropew tal-Impriżi tnieda fi Frar 2008 mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Impriżi u l-Industrija. Jibni fuq dawk li kienu n-Netwerks taċ-Ċentru Euro Info (EIC) u ċ-Ċentru ta' Kollegament tal-Innovazzjoni (IRC), stabbiliti fl-1987 u fl-1995 ripettivament.

Filwaqt li noffru s-servizzi kkombinati ta' dawn il-predeċessuri b'suċċess kbir, u aktar, aħna punt uniku ta' kuntatt għal negozji żgħar. Aktar minn 3 000 membru tal-persunal b'esperjenza jipprovdi tweġibiet prattiċi għal mistoqsijiet speċifiċi fil-lingwa tiegħek.

# Dwarna

L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI

Stabbilita fl-1 ta' Ġunju 2007, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) hija fiċ-ċentru tas-sistema regolatorja għas-sustanzi kimiċi fl-Unjoni Ewropea (UE), li nbidlet fis-snin reċenti bl-introduzzjoni ta' erba' regolamenti ġodda li jiżguraw il-moviment liberu ta' sustanzi kimiċi fl-UE u livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

- REACH – Reġistrazzjoni, Valutazzjoni, Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi;
- CLP - Il-klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet;
- BPR - Ir-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali;
- PIC - Kunsens Infurmat minn Qabel fil-kummerċ internazzjonali ta' sustanzi kimiċi perikolużi u pestiċidi.

Dawn l-atti leġiżlattivi huma applikabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE mingħajr il-ħtieġa għal traspożizzjoni għal-liġi nazzjonali.

L-ECHA tiżgura l-implimentazzjoni konsistenti ta' dawn ir-regolamenti tul l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea - l-Iżlanda,
il-Liechtenstein u n-Norveġja.

IL-MISSJONI TAL-ECHA

L-ECHA hija l-forza ta' tmexxija fost awtoritajiet regolatorji fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni innovattiva tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi għall-benefiċċju tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kif ukoll għall-innovazzjoni u l-kompetittività.

L-ECHA tgħin lil kumpaniji biex jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni, tavvanza l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi, tipprovdi informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u tindirizza sustanzi kimiċi ta' tħassib.

IL-MISSJONI TAL-ECHA

L-ECHA taspira biex issir l-awtorità regolatorja primarja dinjija dwar is-sigurtà ta' sustanzi kimiċi.

l-aġenzija ewropea għas-sustanzi kimiċi
Annankatu 18, Kaxxa Postali 400
fi -00121 ħelsinki, Finlandja
echa.europa.eu

ECHA-15-B-02-EN - ED-04-15-425-MT-N - 978-92-9247-445-4 - 10.2823/928824

Uffiċċju tal-
Pubblikazzjonijiet